

Brussell, 7 ta' Diċembru 2021  
(OR. en)

14594/21

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0365 (COD)**

---

---

PROCIV 160	RELEX 1041
ENV 956	ENER 539
JAI 1329	HYBRID 76
SAN 717	TRANS 720
COSI 243	CYBER 319
CHIMIE 124	TELECOM 450
ENFOPOL 481	ESPACE 121
RECH 549	ATO 88
CT 166	CSC 427
DENLEG 97	ECOFIN 1194
COTER 164	

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14262/20 + ADD1
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi – Approċċ Ġenerali

---

#### I. INTRODUZZJONI

1. Fis-16 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (id-"Direttiva CER")<sup>1</sup> li tindirizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet tal-entitajiet kritiċi li huma essenzjali għall-funzjonament tal-ekonomija. Il-proposta għandha l-għan li tħassar u tissostitwixxi d-Direttiva attwali dwar l-identifikazzjoni u d-deżinjazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea (id- "Direttiva ECI")<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi. 14262/20 + ADD 1

<sup>2</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom.

2. Il-proposta tirrappreżenta r-rispons tal-Kummissjoni għall-miżuri mitluba fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-isforzi komplementari għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-għieda kontra t-theddid ibridu adottati fl-10 ta' Diċembru 2019<sup>3</sup>.
3. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Hija għandha l-għan li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi li jipprovdu servizzi essenzjali għal funzjonijiet vitali tas-soċjetà jew attivitajiet ekonomiċi fis-suq intern.
4. Fil-Parlament Ewropew, il-komitat responsabbli mill-proposta huwa l-Komitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE). Il-Komitat LIBE adotta r-rapport tar-Rapporteur fit-18 ta' Ottubru 2021 (approvat fil-plenarja fl-20 ta' Ottubru 2021)<sup>4</sup>.
5. Il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' April 2021<sup>5</sup>.
6. Fi Frar 2021, il-Komitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddeċieda li jikkonsulta lill-Komitat Ewropew tar-Reġjuni dwar il-proposta. Il-Komitat Ewropew tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fl-1 ta' Lulju 2021<sup>6</sup>.
7. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data adotta l-opinjoni tiegħu fit-13 ta' Awwissu 2021<sup>7</sup>.
8. Il-proposta għad-Direttiva CER ġiet diskussa fil-Vidjokonferenza Informali tal-Ministri għall-Affarijiet Interni, li saret fit-12 ta' Marzu 2021, u fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fis-7 u t-8 ta' Ġunju 2021. Fiż-żewġ każijiet, il-ministri kellhom skambju ta' fehmiet f'seduta pubblika abbażi tad-dokumenti ta' qafas tal-Presidenza<sup>8</sup>. Il-ministri laqgħu l-oġettivi ewlenin tal-proposta, inkluż l-oġettiv ġenerali tat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Unjoni, kif ukoll l-ambizzjoni li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ECI preċedenti.

---

<sup>3</sup> 14972/19

<sup>4</sup> A9-0289/2021

<sup>5</sup> 8416/21

<sup>6</sup> 10580/21

<sup>7</sup> 11280/21

<sup>8</sup> 6630/21, 8969/21

9. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 u t-22 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill Ewropew appella biex isir progress fil-ħidma dwar il-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi<sup>9</sup>.
10. Il-bidliet fit-test anness huma indikati b'**tipa grassa sottolinjata** u [...] meta mqabbla mal-partijiet rilevanti tal-proposta tal-Kummissjoni.

## **II. ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL**

11. Fil-Kunsill, l-eżami tal-proposta twettaq fil-formazzjoni speċifika tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni Ċivili, iddedikata għad-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (minn hawn 'il quddiem: PROCIV CER). L-eżami tal-proposta beda matul il-Presidenza Portugiża fit-18 ta' Frar, fejn il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha u tat spjegazzjoni komprensiva għall-mistoqsijiet ġenerali li saru mill-Istati Membri.
12. Matul il-Presidenza Portugiża, saru seba' laqgħat informali tal-membri ta' PROCIV CER, iddedikati għall-preżentazzjoni u l-qari tal-proposta. Rapport ta' progress tal-Presidenza, li jiddeskrivi l-ħidma li saret fil-korpi preparatorji tal-Kunsill u li jipprovdi rendikont tas-sitwazzjoni attwali fl-eżami tal-proposta ġie ppreżentat lill-Kunsill ĠAI tas-7 u t-8 ta' Ġunju 2021<sup>10</sup>.
13. Minn dak iż-żmien il-ħidma komplet matul il-Presidenza Slovena bl-oġettiv li jiġi adottat Approċċ Ġenerali qabel tmien l-2021. Il-Presidenza Slovena ddedikat ħames laqgħat informali tal-membri ta' PROCIV CER għad-diskussjoni ta' sitt compromessi tal-Presidenza dwar is-CER. Barra minn hekk, il-Presidenza organizzat għadd kbir ta' diskussjonijiet bilaterali informali mal-Istati Membri. Rapport ta' progress tal-Presidenza, li jiddeskrivi l-ħidma li saret fil-korpi preparatorji tal-Kunsill u li jipprovdi rendikont tas-sitwazzjoni attwali fl-eżami tal-proposta ġie ppreżentat lill-Kunsill ĠAI tad-9 u l-10 ta' Diċembru 2021<sup>11</sup>.

---

<sup>9</sup> EUCO 17/21

<sup>10</sup> 8969/21

<sup>11</sup> 14352/21

14. Taħt il-Presidenza Slovena, id-diskussjonijiet fil-laqgħat informali tal-membri ta' PROCIV CER iffokaw, fost l-oħrajn, fuq l-idoneità tal-bażi ġuridika, il-klawżola ta' esklużjoni dwar is-sigurtà u d-difiża nazzjonali, reġim ta' ekwivalenza, il-kontenut tal-istrateġiji u l-valutazzjonijiet tar-riskju li għandhom jiġu żviluppati mill-Istati Membri u l-entitajiet kritiċi, il-proċess għall-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi, il-miżuri ta' reżiljenza li għandhom jiġu adottati minn entitajiet kritiċi, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, il-kontrolli tal-isfond u l-proċess ta' identifikazzjoni u missjonijiet konsultattivi rigward l-entitajiet kritiċi ta' sinifikat partikolari Ewropew. Kwistjoni ewlenija oħra ta' dibattitu kienet l-interazzjoni tad-Direttiva CER ma' leġislazzjoni oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-proposta dwar Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha ("id-Direttiva NIS 2") u l-proposta dwar ir-Regolament dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju (ir-"Regolament DORA").
15. B'kollox, tħejjew sitt proposti ta' kompromess parzjali jew sħaħ mill-Presidenza Slovena, abbażi tal-kummenti bil-miktub u d-dokumenti informali li waslu mingħand l-Istati Membri.
16. L-aħħar reviżjoni tal-proposta ta' kompromess tal-Presidenza ġiet diskussa f'laqgħa informali tal-membri ta' PROCIV CER fl-1 ta' Diċembru 2021, segwita minn konsultazzjoni informali bil-miktub. Id-delegazzjonijiet laqgħu t-test ta' kompromess bil-ħsieb li jiġi ppreżentat test konsolidat għall-approvazzjoni tal-COREPER u l-adozzjoni sussegwenti mill-Kunsill.

### III. SUSTANZA

17. Abbażi tad-diskussjonijiet fil-livell tal-Grupp ta' Hídma, il-punti li ġejjin ġew identifikati bħala l-kwistjonijiet politiċi prinċipali:

a) Relazzjoni mad-Direttiva NIS 2 (inkluż l-Artikolu 7)

L-Istati Membri enfasizzaw il-ħtieġa għal allinjament bejn is-CER u partijiet oħra tal-leġislazzjoni tal-Unjoni li qed jiġu nnegozjati bħalissa, b'mod partikolari NIS 2 u DORA. Ta' min jinnota, f'separazzjoni ċara tal-kamp ta' applikazzjoni, NIS 2 tindirizza r-reżiljenza quddiem it-theddid ċibernetiku, filwaqt li s-CER tindirizza r-reżiljenza fil-konfront ta' theddid mhux ċibernetiku. Barra minn hekk, id-DORA jindirizza r-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju.

L-Istati Membri enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li jiġi evitat piż żejjed fuq l-entitajiet kritiċi. F'dak ir-rigward, il-proposta ta' kompromess iżżomm it-tfassil tal-proposta tal-Kummissjoni li fiha partijiet kbar tad-Direttiva ma japplikawx għal entitajiet kritiċi fis-setturi tal-banek, tal-infrastruttura tas-suq finanzjarju u tal-infrastruttura diġitali. Ir-raġunament wara din id-deċiżjoni huwa li l-proposti leġislattivi tal-Unjoni ta' NIS 2 u DORA, li bħalissa qed jiġu nnegozjati, ser jirrikjedu livell ekwivalenti ta' reżiljenza mill-entitajiet marbutin b'obbligu. Il-Presidenza segwiet mill-qrib l-iżvilupp tal-proposti ta' kompromess taż-żewġ leġislazzjonijiet l-oħra biex tippromwovi l-allinjament. Żidiet importanti oħra fil-proposta ta' kompromess huma relatati ma' arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti skont l-atti legali rispettivi.

Barra minn hekk, il-proposta ta' kompromess allinjat il-kamp ta' applikazzjoni ta' CER (Anness) u dak tal-Approċċ Ġenerali ta' NIS 2 (l-Anness I tagħhom). Minħabba l-ispeċifikitajiet taż-żewġ Direttivi, il-forma preċiża magħżula għall-allinjament kienet din li ġejja: is-setturi kollha inklużi fl-Anness tas-CER kellhom bħala minimu jkunu preżenti wkoll fl-Anness I ta' NIS 2, li kien jinkludi aktar setturi mhux koperti mis-CER. Dan l-allinjament irrifletta li NIS 2 jinsab fi stadju differenti mis-CER peress li diġà jibni fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva attwali dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni ("id-Direttiva NIS")<sup>12</sup>.

Il-kunċett ta' "entitajiet ekwivalenti għal entitajiet kritiċi" (użat fil-proposta tal-Kummissjoni biex jiddeskrivi entitajiet kritiċi fis-setturi tal-banek, tal-infrastruttura tas-suq finanzjarju u tal-infrastruttura diġitali) huwa eliminat peress li tqies mhux meħtieġ. Fil-proposta ta' kompromess, l-entitajiet kritiċi fit-tliet setturi ta' rilevanza huma mmarkati bħala "entitajiet kritiċi" u assimilati ma' dawk f'setturi oħra fil-kamp ta' applikazzjoni. Madankollu, mingħajr ma tinħoloq kategorija speċjali ta' entitajiet, il-kompromess jirrikonoxxi li dispożizzjonijiet tas-CER speċifikati b'mod ċar ma japplikawx għall-entitajiet kritiċi f'dawk it-tliet setturi (Artikolu 7).

b) Kamp ta' applikazzjoni (rigward is-setturi ekonomiċi fl-Anness għad-Direttiva)

L-Istati Membri ġeneralment laqgħu l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni mid-Direttiva ECI preċedenti, li kopriet biss l-enerġija u t-trasport, għal firxa wiesgħa ta' setturi. Madankollu, għadd sinifikanti ta' Stati Membri sabu l-inklużjoni tas-settur tal-amministrazzjoni pubblika fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva bħala problematika minħabba li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan is-settur huwa distint ħafna mis-setturi ekonomiċi l-oħra. Għalhekk, il-proposta ta' kompromess ma tinkludihx. Madankollu, il-proposta ta' kompromess iżżomm mekkaniżmu ta' rieżami (Artikolu 22) li jippermetti l-valutazzjoni tal-impatt u l-valur miżjud tad-Direttiva u jekk il-kamp ta' applikazzjoni għandux jiġi modifikat fi stadju aktar tard.

---

<sup>12</sup> Id-Direttiva 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni

c) Klawżola ta' esklużjoni (Artikolu 1.5)

L-Istati Membri xtaqu jiċċaraw fi klawżola ta' esklużjoni li d-Direttiva ma tapplikax għal entitajiet li fil-parti l-kbira jwettqu attivitajiet fl-oqsma tad-difiża, is-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika jew l-infurzar tal-liġi jew għal attivitajiet li jikkonċernaw is-sigurtà nazzjonali jew id-difiża. Il-ġudikatura, il-parlamenti u l-banek ċentrali huma esklużi wkoll. Il-klawżola ta' esklużjoni hija konformi ma' dik simili maqbula fl-Approċċ Ġenerali tad-Direttiva NIS 2.

d) L-interazzjoni mal-leġiżlazzjoni settorjali

Lil hinn mir-relazzjoni ma' NIS 2 u DORA, l-Istati Membri enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li jiġi ċċarat u rfinat ir-reġim ta' ekwivalenza tas-CER rigward il-liġi nazzjonali u d-dritt tal-Unjoni eżistenti. Il-proposta ta' kompromess ipprovdiet kjarifika ulterjuri, b'mod partikolari bil-modifiki għall-premessa 7, l-Artikoli 1.3, 10 u 11.2. Rigward il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-miżuri ta' reżiljenza, l-Istati Membri jistgħu, taħt sett ta' kondizzjonijiet, jirrikonoxxu l-ekwivalenza, b'mod sħiħ jew parzjali, bejn il-miżuri eżistenti u l-obbligi tas-CER.

e) Kooperazzjoni bejn żewġ Stati Membri jew aktar (Artikolu 9a)

Il-proposta ta' kompromess iżżid qafas ġdid għall-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, li inizjalment ma kienx previst fil-proposta tal-Kummissjoni. Fil-proposta ta' kompromess, l-Istati Membri jridu jidħlu f'konsultazzjonijiet ma' xulxin meta żewġ Stati Membri jew aktar ikollhom entitajiet kritiċi li huma konnessi b'xi mod jew meta l-entità kritika identifikata fi Stat Membru wieħed tipprovdri servizzi essenzjali lil jew fi Stati Membri oħra. Qabel iż-żieda ta' dan it-tip ġdid ta' kooperazzjoni, id-Direttiva pprovdiet ħafna dettall dwar il-kooperazzjoni fir-rigward ta' entitajiet kritiċi ta' sinifikat Ewropew iżda ma pprevedietx qafas għal każijiet fejn l-Istati Membri rilevanti kienu inqas minn disgħa.

f) Miżuri ta' Reżiljenza (Artikolu 11)

Wara talbiet mill-Istati Membri, il-proposta ta' kompromess immodifikat il-proposta tal-Kummissjoni biex ttiprovdi aktar flessibbiltà għall-Istati Membri meta jstabbilixxu l-miżuri ta' reżiljenza li l-entitajiet kritiċi jkunu jeħtieġu jieħdu. Fost raġunijiet oħra, dan sar sabiex il-miżuri ta' reżiljenza jkunu jistgħu jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi.

g) Kontrolli tal-isfond (Artikolu 12)

L-Istati Membri qajmu tħassib, inkluż dawk legali, rigward ir-referenza għal kontrolli tal-isfond fil-proposta tal-Kummissjoni. Il-proposta ta' kompromess immodifikat dik ir-referenza sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirċievu u jivvalutaw it-talbiet għal kontrolli tal-isfond mill-entitajiet kritiċi jekk jiddeċiedu hekk. L-importanza tal-kontrolli tal-isfond fis-sigurtà tal-persunal ġiet enfazzata b'mod ġenerali mill-Istati Membri. L-Istati Membri qiesu li l-kontrolli tal-isfond għandhom jiġu pproċessati f'konformità mal-liġi u l-proċeduri nazzjonali.

h) Entitajiet kritiċi ta' sinifikat Ewropew partikolari (Artikoli 14 u 15)

L-Istati Membri laqgħu l-kategorija ta' entitajiet kritiċi ta' sinifikat Ewropew partikolari iżda d-diskussjonijiet ikkonfermaw li kienet meħtieġa aktar ċarezza dwar il-proċess tal-identifikazzjoni ta' dawk l-entitajiet kif ukoll rigward il-missjonijiet konsultattivi relatati tagħhom. Il-proposta ta' kompromess ttiprovdi dawk l-ispeċifikazzjonijiet miżjuda, li jsaħħu r-rwol tal-Kummissjoni Ewropea fil-proċess ta' identifikazzjoni. Rigward il-missjonijiet konsultattivi, il-proposta ta' kompromess żiedet ukoll aktar ċarezza u, fost affarijiet oħra, saħħet ir-rwol tal-Istat Membru fejn tinsab l-entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari kif ukoll dak tal-Istati Membri li lilhom jew fihom jiġi pprovdut is-servizz essenzjali.

#### **IV. KONKLUŻJONI**

18. Il-COREPER huwa għalhekk mistieden jilħaq qbil dwar it-test ta' kompromess ippreżentat mill-Preidenza kif jinsab fl-Anness. Il-COREPER huwa mistieden ukoll jippreżentah lill-Kunsill (Ambjent) għall-adozzjoni ta' Approċċ Ġenerali fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Diċembru 2021 kif ukoll jistieden lill-Preidenza biex tmexxi negozjati mal-Parlament Ewropew abbażi ta' dan il-mandat.
-

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>13</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>14</sup>,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja<sup>15</sup>,

---

<sup>13</sup> ĠU C , , p. .

<sup>14</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>15</sup> Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew [...] u tal-Kunsill [...].

Billi:

- (0) **L-entitajiet kritiċi, bħala fornituri ta' servizzi essenzjali, għandhom rwol indispensabbli fiż-żamma ta' funzjonijiet vitali tas-soċjetà jew attivitajiet ekonomiċi fis-suq intern, f'ekonomija tal-Unjoni dejjem aktar interdipendenti. L-operazzjoni bla xkiel ta' kull entità kritika tiddependi ħafna mil-livell ta' thejjiġa u ta' reżiljenza tagħha, li tippermettilha tkompli jew malajr terġa' tibda twestaq l-attività tagħha kull meta jseħħ tfixkil. Għalhekk huwa essenzjali li jiġi stabbilit qafas għall-Unjoni kollha li għandu l-għan kemm li jsaħħaħ ir-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi fis-suq intern billi johlq sett minimu armonizzat ta' obbligi kif ukoll li jgħinhom permezz ta' appoġġ koerenti u dedikat u miżuri ta' superviżjoni.**
- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE<sup>16</sup> tipprevedi proċedura għad-deżinjazzjoni tal-infrastruttura kritika Ewropea fis-setturi tal-enerġija u t-trasport, li t-tfixkil jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt transfruntier sinifikanti fuq mill-inqas żewġ Stati Membri. Din id-Direttiva ffukat esklużivament fuq il-protezzjoni ta' infrastrutturi bħal dawn. Madankollu, l-evalwazzjoni tad-Direttiva 2008/114/KE li saret fl-2019<sup>17</sup> sabet li minħabba n-natura dejjem aktar interkonnessa u transfruntiera tal-operazzjonijiet li jużaw l-infrastruttura kritika, il-miżuri protettivi relatati mal-assi individwali waħedhom mhumiex biżżejjed biex jipprevjenu milli jseħħ kull tfixkil. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-approċċ jinbidel biex **jiġi żgurat li r-riskji jitqiesu aħjar, li r-rwol u d-dmirijiet ta' entitajiet individwali bħala fornituri ta' servizzi essenzjali għall-funzjonament tas-suq intern jiġu definiti aħjar u jkunu koerenti, u li jiġu adottati regoli għall-Unjoni kollha biex tissaħħaħ** ir-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi[...]. **Bħala tali, l-entitajiet kritiċi jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jsaħħu** l-kapaċità tagħhom li **jipprevjenu, jipproteġu kontra, jirrispondu għal, jirreżistu,** jimmitigaw, jassorbu, jakkomodaw [...] u jirkupraw minn inċidenti li għandhom il-potenzjal li jfixklu l-[...] **forniment ta' servizzi essenzjali.**

<sup>16</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75).

<sup>17</sup> SWD(2019) 308.

- (2) **Bħalissa**, [...] **filwaqt li għadd ta'** miżuri fil-livell tal-Unjoni<sup>18</sup> u dak nazzjonali għandhom l-għan [...] li jappoġġaw il-protezzjoni tal-infrastrutturi kritiċi fl-Unjoni, l-entitajiet li joperaw dawk l-infrastrutturi [...] [...] **jistgħu jingħataw mandat legali aħjar u jkunu mgħammra aħjar** [...] biex jindirizzaw [...] ir-riskji għall-operazzjonijiet tagħhom li jistgħu jirriżultaw fi tfixkil fil-provvista ta' servizzi **essenzjali** [...]. Dan minħabba xenarju ta' theddid dinamiku, [...] **inkluż** b'theddida terroristika li qed tevolve, u b'interdipendenzi li qed jikbru bejn l-infrastrutturi u s-setturi, kif ukoll riskju fiżiku miżjud minħabba diżastri naturali u t-tibdil fil-klima, li [...] **jintensifika** l-frekwenza u l-iskala ta' avvenimenti ta' temp estrem u jgħib tibdil fit-tul fil-klima medja [...]. Barra minn hekk, **is-suq intern huwa kkaratterizzat minn frammentazzjoni fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi, peress** li s-setturi u t-tipi ta' entitajiet rilevanti mhumiex rikonoxxuti b'mod konsistenti bħala kritiċi fl-Istati Membri kollha.

---

<sup>18</sup> Il-Programm Ewropew għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika (European Programme for Critical Infrastructure Protection, EPCIP).

- (3) Dawk l-interdipendenzi li qed jiżdiedu huma r-riżultat ta' network dejjem aktar transfruntier u interdipendenti ta' forniment ta' servizzi bl-użu ta' infrastrutturi kritiċi madwar l-Unjoni fis-setturi tal-enerġija, it-trasport, il-banek, l-infrastruttura tas-suq finanzjarju, l-infrastruttura diġitali, l-ilma tax-xorb u l-ilma mormi, is-saħħa, [...] kif ukoll l-ispazju. **Fir-rigward tas-settur tal-enerġija u partikolarment il-metodi tal-ġenerazzjoni u t-trażmissjoni tal-elettriku (fir-rigward tal-forniment tal-elettriku), huwa mifhum li fejn meqjus xieraq, il-ġenerazzjoni tal-elettriku tista' tinkludi l-partijiet ta' impjanti tal-enerġija nukleari li jittrasmettu l-elettriku, iżda teskludi l-elementi nukleari speċifiċi koperti b'leġiżlazzjoni nukleari rilevanti inkluż it-trattati u l-liġi Komunitarja. Is-settur spazjali huwa kkonċernat** sa fejn jidħol il-forniment ta' ċerti servizzi li jiddependu fuq infrastrutturi bbażati fuq l-art li huma proprjetà, ġestiti u operati jew mill-Istati Membri jew minn partijiet privati [...], u għalhekk mhumiex koperti infrastrutturi li huma proprjetà ta', ġestiti jew operati mill-Unjoni jew fisimha bħala parti mill-programmi spazjali tagħha. Dawn l-interdipendenzi jfissru li kwalunkwe tfixkil, anki wieħed inizjalment limitat għal entità waħda jew għal settur wieħed, jista' jkollu effetti kaskata b'mod aktar wiesa', li potenzjalment jistgħu jwasslu għal impatti negattivi fit-tul u mifruxa fit-tul fuq il-forniment tas-servizzi fis-suq intern. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet il-vulnerabbiltà tas-soċjetajiet dejjem aktar interdipendenti tagħna fid-dawl ta' riskji ta' probabbiltà baxxa.

- (4) L-entitajiet involuti fil-forniment ta' servizzi essenzjali huma dejjem aktar soġġetti għal rekwiżiti diverġenti imposti skont il-liġijiet tal-Istati Membri. Il-fatt li xi Stati Membri għandhom rekwiżiti [...] **li jsaħħu r-reżiljenza** inqas stretti fuq dawn l-entitajiet mhux biss jirriskja li jkollu impatt negattiv fuq iż-żamma ta' funzjonijiet tas-soċjetà jew attivitajiet ekonomiċi vitali madwar l-Unjoni, iżda jwassal ukoll għal ostakli fil-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Tipi simili ta' entitajiet huma meqjusa bħala kritiċi f'xi Stati Membri iżda mhux f'oħrajn, u dawk li huma identifikati bħala kritiċi huma soġġetti għal rekwiżiti diverġenti fi Stati Membri differenti. Dan jirriżulta f'piżijiet amministrattivi addizzjonali u bla bżonn għal kumpaniji li joperaw bejn il-fruntieri, b'mod partikolari għal kumpaniji attivi fl-Istati Membri b'rekwiżiti aktar stretti. **Dan jirriżulta wkoll f'kundizzjonijiet mhux ekwi u f'diżinċentivi biex wieħed jopera bejn il-fruntieri.**
- (5) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli minimi armonizzati biex jiġi żgurat il-forniment ta' servizzi essenzjali fis-suq intern u tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi.
- (6) Sabiex jinkiseb [...] **livell għoli ta' reżiljenza** l-Istati Membri jenħtieġ li jidentifikaw-entitajiet kritiċi li [...] **ser** jkunu soġġetti għal rekwiżiti u sorveljanza speċifiċi, iżda wkoll għal appoġġ u gwida partikolari [...] fid-dawl tar-riskji rilevanti kollha.

(7) [...].

Meta d-dispożizzjonijiet tal-dritt tal-Unjoni jew tal-liġi nazzjonali jirrikjedu li l-entitajiet kritiċi jivvalutaw ir-riskji rilevanti għall-finijiet ta' din id-Direttiva u li jieħdu miżuri biex jiżguraw ir-reżiljenza tagħhom stess, dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jitqiesu b'mod adegwat għall-finijiet tas-superviżjoni tal-konformità tal-entitajiet kritiċi mad-dispożizzjonijiet kif stipulati f'din id-Direttiva. Fuq dik il-bażi, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeċiedu li jeskludu dawk l-entitajiet kritiċi mill-oġettivi u l-pjanijiet superviżorji tagħhom skont din id-Direttiva, f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju u bil-ħsieb li jittaffa l-piż fuq dawk l-entitajiet kritiċi. L-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jiddeċiedu r-reġim applikabbli għall-valutazzjoni tar-riskju u l-miżuri ta' reżiljenza jekk ikunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri jenħtieġ li madankollu jinkludu s-setturi kollha elenkati fl-Anness fl-istrateġija tagħhom għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, il-valutazzjoni tar-riskju u l-miżuri ta' appoġġ skont il-Kapitolu II u jenħtieġ li jkunu jistgħu jidentifikaw entitajiet kritiċi f'dawk is-setturi fejn il-kundizzjonijiet applikabbli jkunu ġew issodisfati.

- (8) Minħabba l-importanza taċ-ċibersigurtà għar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u fl-interess tal-konsistenza, approċċ koerenti bejn din id-Direttiva u d-Direttiva (UE) XX/YY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>19</sup> [Direttiva proposta dwar miżuri għal livell komuni għoli ta' ċibersigurtà fl-Unjoni kollha; (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva NIS 2")] huwa meħtieġ kull fejn ikun possibbli. Fid-dawl tal-frekwenza oġġla u l-karatteristiċi partikolari tar-riskji ċibernetiċi, id-Direttiva NIS 2 timponi rekwiżiti komprensivi fuq għadd kbir ta' entitajiet biex tiżgura ċ-ċibersigurtà tagħhom. Minħabba li ċ-ċibersigurtà hija indirizzata b'mod suffiċjenti fid-Direttiva NIS 2, il-kwistjonijiet koperti minnha jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għar-reġim partikolari għall-entitajiet fis-settur tal-infrastruttura diġitali.
- (9) [...]

---

<sup>19</sup> [Referenza għad-Direttiva NIS 2, ladarba tiġi adottata.]

Sabiex ma tiġix ipperikolata s-sigurtà tal-Istati Membri jew is-sigurtà u l-interessi kummerċjali ta' entitajiet kritiċi, l-aċċess għal, l-iskambju u t-trattament ta' informazzjoni sensittiva għandhom isiru bir-regqa u b'attenzjoni partikolari għall-kanali ta' trażmissjoni u l-kapaċitajiet ta' ħżin li ser jintużaw mill-partijiet ikkonċernati rilevanti.

(9a) Jenħtieġ li din id-Direttiva ma titqiesx li taffettwa l-kompetenzi tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet tagħhom f'termini tal-awtonomija amministrattiva, l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-ġudikatura, il-parlamenti jew il-banek ċentrali, jew taffettwa r-responsabbiltà tagħhom li jissalvagwardjaw l-interess nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà pubblika, id-difiża u s-sigurtà nazzjonali. Barra minn hekk, din id-Direttiva jenħtieġ li ma tapplikax għal kwalunkwe entità, la pubblika u lanqas privata, li prinċipalment twettaq attivitajiet fl-oqsma tad-difiża, is-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika jew l-infurzar tal-liġi. Jenħtieġ ukoll li ma tapplikax għall-attivitajiet ta' entitajiet imwettqa f'dawn l-oqsma. Jenħtieġ li l-Istati Membri iwettqu valutazzjoni individwali tal-entitajiet li jissodisfaw il-kriterji biex jiġu identifikati bħala entità kritika iżda li prinċipalment iwettqu wkoll attivitajiet fl-oqsma tas-sigurtà nazzjonali, tad-difiża, tas-sigurtà pubblika jew tal-infurzar tal-liġi. Wara dik il-valutazzjoni ta' dawn l-attivitajiet speċifiċi, l-entitajiet jingħataw il-benefiċċju tar-reġim stabbilit minn din id-Direttiva jew jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. L-ebda Stat Membru ma għandu jkun obligat jipprovdni informazzjoni li d-divulgazzjoni tagħha tista' tmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà pubblika tiegħu. Ir-regoli nazzjonali jew tal-Unjoni li jipproteġu l-informazzjoni klassifikata, il-ftehimiet ta' nondivulgazzjoni, jew il-ftehimiet ta' nondivulgazzjoni informali huma rilevanti.

- (10) Bl-għan li jiġi żgurat approċċ komprensiv għar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, kull Stat Membru jenħtieġ li jkollu **stabbilit** strateġija li tistabbilixxi l-oġġettivi u l-miżuri ta' politika li għandhom jiġu implimentati. **Dik l-istrateġija jenħtieġ li tiffassal biex tintegra bla xkiel il-politiki eżistenti, filwaqt li kull fejn ikun possibbli tibni fuq strateġiji, pianijiet jew dokumenti simili nazzjonali u settorjali eżistenti rilevanti.** Sabiex jinkiseb dan, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-istrateġiji [...] tagħhom jipprevedu qafas ta' politika għal koordinazzjoni msaħħa bejn l-awtorità kompetenti skont din id-Direttiva u d-Direttiva NIS 2 fil-kuntest tal-kondiviżjoni dwar **riskji ċibernetiċi, theddid u inċidenti ċibernetiċi kif ukoll riskji, theddid u** inċidenti [...] **mhux ċibernetiċi** u l-eżerċizzju ta' kompiti superviżorji.
- (11) L-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jidentifikaw u jgħinu jiżguraw ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi jenħtieġ li jsegwu approċċ ibbażat fuq ir-riskju li għandu fil-mira sforzi għall-entitajiet l-aktar rilevanti għat-twettiq tal-funzjonijiet tas-soċjetà jew l-attivitajiet ekonomiċi vitali. Sabiex jiġi żgurat approċċ immirat bħal dan, kull Stat Membru jenħtieġ li jwettaq, fi ħdan qafas armonizzat, valutazzjoni tar-riskji naturali u kkawżati mill-bniedem rilevanti [...] li jistgħu jaffettwaw il-forniment ta' servizzi essenzjali, inklużi inċidenti, diżastri naturali, emerġenzi tas-saħħa pubblika bħal pandemiji, **theddid ibridu** [...] **jew** theddid antagonistiku **ieħor**, inkluż reati terroristiċi. Fit-twettiq ta' dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu valutazzjonijiet tar-riskju ġenerali jew speċifiċi għas-settur oħrajn imwettqa skont atti oħra tad-dritt tal-Unjoni u jenħtieġ li jikkunsidraw id-dipendenzi bejn is-setturi, anki minn Stati Membri oħra u pajjiżi terzi. L-eżiti tal-valutazzjoni tar-riskju jenħtieġ li jintużaw fil-proċess tal-identifikazzjoni tal-entitajiet kritiċi u biex jgħinu lil dawk l-entitajiet jissodisfaw [...] ir-rekwiżiti **tagħhom** dwar ir-reżiljenza [...].

- (12) Sabiex jiġi żgurat li l-entitajiet rilevanti kollha jkunu soġġetti għal dawk ir-rekwiżiti u biex jitnaqqsu d-diverġenzi f'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġu stabbiliti regoli armonizzati li jippermettu identifikazzjoni konsistenti tal-entitajiet kritiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li jippermettu [...] lill-Istati Membri **jeżerċitaw is-setgħat tagħhom ta' teħid ta' deċiżionijiet, filwaqt li jiġi rifless b'mod adegwat ir-rwol u l-importanza ta' dawn l-entitajiet bħala fornituri ta' servizzi fit-territorju tagħhom** [...]. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji biex jiġu identifikati entitajiet kritiċi. Fl-interess tal-effettività[...] u ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li jiġu **stabbiliti** wkoll regoli xierqa dwar in-notifika u l-kooperazzjoni relatati ma' tali identifikazzjoni, kif ukoll il-konsegwenzi legali tagħha. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-applikazzjoni korretta ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jippreżentaw lill-Kummissjoni, b'mod li jkun [...] speċifiku kemm jista' jkun, l-informazzjoni rilevanti u, fi kwalunkwe każ, il-lista tas-servizzi essenzjali, l-għadd ta' entitajiet kritiċi identifikati għal kull settur u subsettur imsemmija fl-Anness [...] u, **iekk użati, [...] limiti [...], li jistgħu jiġu ppreżentati bħala tali jew f'forma aggregata, li ifisser li l-informazzjoni tista' tiġi kkalkulata fuq medja skont iż-żona ġeografika, is-sena, is-settur, is-subsettur, jew b'mezzi oħra, u tista' tinkludi informazzjoni dwar il-firxa tal-indikaturi pprovduti.**
- (13) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll kriterji **mill-Istati Membri** biex jiġi determinat is-sinifikat ta' effett ta' tfixkil li jirriżulta minn inċidenti bħal dawn **filwaqt li jitqiesu l-kriterji tal-Artikolu 6(1)**. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jibnu fuq il-kriterji previsti fid-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>20</sup> sabiex jikkapitalizzaw fuq l-isforzi mwettqa mill-Istati Membri biex jidentifikaw dawk l-operaturi u l-esperjenza miksuba f'dan ir-rigward.

---

<sup>20</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

**(13a) Skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt settorjali tal-Unjoni, l-entitajiet fis-setturi tal-banek, tal-infrastruttura tas-suq finanzjarju u tal-infrastruttura diġitali li jistgħu jikkwalifikaw bħala entitajiet kritiċi skont din id-Direttiva huma meħtieġa jivvalutaw ir-riskji rilevanti, jieħdu miżuri biex jiżguraw ir-reżiljenza tagħhom u jinnotifikaw l-inċidenti. Minħabba li dawk ir-rekwiżiti huma mill-inqas ekwivalenti għall-obbligi korrispondenti stabbiliti f'din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9a u l-Kapitoli III sa V jenħtieġ li ma japplikawx għal dawk l-entitajiet, sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-piżijiet bla bżonn fuq l-entitajiet. B'konsegwenza ta' dan, id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar is-supervizzjoni u l-infurzar stabbiliti fil-Kapitolu VI jenħtieġ li ma jkunux applikabbli lanqas għal dawk l-entitajiet. Madankollu, sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-suq intern kollu kemm hu u jinżammu l-koerenza u l-karattru komprensiv tal-isforzi u s-sorveljanza tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, l-istrategġiji ddedikati għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-miżuri ta' appoġġ kif stabbiliti fil-Kapitolu II ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jkunu applikabbli wkoll f'dawk is-setturi speċifiċi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri xorta jidentifikaw liema entitajiet f'dawk is-setturi jikkwalifikaw bħala entitajiet kritiċi, meta jqisu r-reġim partikolari għall-entitajiet fis-setturi tal-banek, tal-infrastruttura tas-suq finanzjarju u tal-infrastruttura diġitali.**

**(13b) Barra minn hekk, bl-istess għan li jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-piżijiet bla bżonn fuq l-entitajiet kritiċi, din id-Direttiva jenħtieġ li tistabilixxi reġim ta' ekwivalenza applikabbli b'mod ġenerali. Għalhekk, f'sett ta' oqsma identifikati b'mod ċar, il-miżuri li huma ekwivalenti għall-miżuri skont din id-Direttiva u li diġà ttieħdu minn entitajiet kritiċi li jappartjenu għal kwalunkwe settur sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont atti tad-dritt tal-Unjoni speċifiċi għas-settur jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-Istati Membri. Għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jeżentaw entitajiet kritiċi, fir-rigward ta' miżuri ekwivalenti rikonoxxuti, milli jieħdu l-miżuri speċifiċi meħtieġa skont din id-Direttiva.**

- (14) **Id-Direttiva XXXX/XXXX [id-Direttiva NIS 2] tirrikjedi li l-entitajiet jieħdu miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiġġestixxu r-riskji għas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni li daww il-fornituri jużaw fil-forniment tas-servizzi tagħhom kif ukoll biex jinnotifikaw inċidenti sinifikanti u theddid ċibernetiku. Billi t-theddid għas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni jista' jkollu oriġini differenti, [id-Direttiva NIS 2] għalhekk tapplika approċċ "li jqis kull periklu" li jinkludi l-protezzjoni tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni u tal-ambjent fiżiku tagħhom. L-entitajiet li jappartjenu għas-settur tal-infrastruttura diġitali huma essenzjalment ibbażati fuq in-networks u s-sistemi tal-informazzjoni u għalhekk l-obbligi imposti fuq daww l-entitajiet mid-[Direttiva NIS 2] jindirizzaw b'mod komprensiv is-sigurtà fiżika ta' tali sistemi bħala parti mill-obbligi tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà u tar-rappurtar. [...] [...] Madankollu, meta titqies l-importanza tas-servizzi pprovduti minn entitajiet fis-settur tal-infrastruttura diġitali [...] għall-entitajiet kritiċi li jappartjenu għas-setturi ekonomiċi rilevanti l-oħra kollha, l-Istati Membri jenħtieġ li jidentifikaw, abbażi tal-kriterji u permezz tal-proċedura prevista f'din id-Direttiva *mutatis mutandis*, l-entitajiet li jappartjenu għas-settur tal-infrastruttura diġitali **bħala entitajiet kritiċi.** [...]**

(15) L-acquis tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji jistabbilixxi rekwiżiti komprensivi għall-entitajiet finanzjarji biex jiġġestixxu r-riskji kollha li jiffaċċjaw, inkluż ir-riskji operazzjonali, u jiżguraw il-kontinwità tan-negozju. Dan jinkludi r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>21</sup>, id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>22</sup> u r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>23</sup> kif ukoll ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>24</sup> u d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>25</sup>. Il- [...] qafas **legali ser ikun ikkomplementat** mir-Regolament XX/YYYY tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament propost dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament DORA")<sup>26</sup>], li jistabbilixxi rekwiżiti għad-ditti finanzjarji biex jiġġestixxu r-riskji tal-ICT, inkluż il-ħarsien ta' infrastrutturi fiżiċi tal-ICT.

---

<sup>21</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

<sup>22</sup> Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

<sup>23</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

<sup>24</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

<sup>25</sup> Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

<sup>26</sup> Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 909/2014, COM(2020) 595.

Billi r-reżiljenza tal-entitajiet elenkati fil-punti 3 u 4 tal-Anness hija koperta b'mod komprensiv mill-acquis tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji, dawk l-entitajiet jenħtieġ li wkoll, **bħall-entitajiet fis-settur tal-infrastruttura diġitali**, jiġu [...] **identifikati bħala** entitajiet kritiċi **esklużivament** għall-finijiet [...] tal-**Artikoli 1-9** ta' din id-Direttiva [...]. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tar-regoli tar-riskju operazzjonali u tar-reżiljenza diġitali fis-settur finanzjarju, l-appoġġ tal-Istati Membri għat-titjib tar-reżiljenza ġenerali tal-entitajiet finanzjarji ekwivalenti għal entitajiet kritiċi [...] **jista'** jiġi żgurat mill-awtoritajiet maħtura skont l-Artikolu 41 tar-[Regolament DORA] **jew dawk maħtura skont din id-Direttiva**, u soġġett għall-proċeduri stipulati [...] fil-leġiżlazzjoni **applikabbli** b'mod [...] **koerenti**.

- (16) L-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru awtoritajiet kompetenti biex jissorveljaw l-applikazzjoni tar-regoli ta' din id-Direttiva' u, fejn meħtieġ, jinforzawhom u jiżguraw li dawk l-awtoritajiet jingħataw is-setgħat u r-riżorsi adegwati. Fid-dawl tad-differenzi fl-istrutturi ta' governanza nazzjonali u sabiex jiġu ssalvagwardjati l-arranġamenti settorjali diġà eżistenti jew il-korpi superviżorji u regolatorji tal-Unjoni, u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jaħtru aktar minn awtorità kompetenti waħda. F'dak il-każ, jenħtieġ li madankollu jiddelinjaw b'mod ċar il-kompiti rispettivi tal-awtoritajiet ikkonċernati u jiżguraw li dawn jikkooperaw bla xkiel u b'mod effettiv. L-awtoritajiet kompetenti kollha jenħtieġ li jikkooperaw ukoll b'mod aktar ġenerali ma' awtoritajiet rilevanti oħra, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-Unjoni.
- (17) Sabiex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni transfruntiera u sabiex tkun tista' ssir l-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva, kull Stat Membru jenħtieġ li, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti legali tal-Unjoni speċifiċi għas-settur, jaħtar [...] [...] punt uniku ta' kuntatt **nazzjonali** responsabbli għall-koordinazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u l-kooperazzjoni transfruntiera fil-livell tal-Unjoni f'dan ir-rigward.

- (18) L-[...] awtoritajiet kompetenti maħtura skont [...] **din id-Direttiva u dawk maħtura skont [id-Direttiva NIS 2]** jenħtieġ li jikkooperaw **u jiskambjaw informazzjoni fil-livell nazzjonali**, [...] fir-rigward ta' **riskji** marbuta maç-çibersigurtà, **theddid u inċidenti ċibernetiċi** kif ukoll riskji, **theddid** u inċidenti **mhux ċibernetiċi li jaffettwaw lill-entitajiet [...] kritiċi kif ukoll dwar il-miżuri rilevanti meħuda mill-awtoritajiet kompetenti maħtura skont [id-Direttiva NIS 2] u din id-Direttiva.**
- (19) L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw lill-entitajiet kritiċi fit-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom, f'konformità mal-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà legali proprja tal-entitajiet biex jiżguraw tali konformità. L-Istati Membri jistgħu b'mod partikolari jiżviluppaw materjali u metodoloġiji ta' gwida, jappoġġaw l-organizzazzjoni ta' eżerċizzji biex jittestjaw ir-reżiljenza tagħhom u jipprovdu **konsulenza u taħriġ** lill-persunal ta' entitajiet kritiċi. Barra minn hekk, minħabba l-interdipendenzi bejn l-entitajiet u s-setturi, l-Istati Membri jenħtieġ li [...] [...] **jiffaċilitaw** il-kondiviżjoni volontarja tal-informazzjoni bejn l-entitajiet kritiċi, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (19a) Bil-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi identifikati mill-Istati Membri u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għal dawk l-entitajiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti maħtura tal-Istati Membri jidħlu f'konsultazzjonijiet kull fejn xieraq għall-applikazzjoni konsistenti tad-Direttiva. Dawk il-konsultazzjonijiet jenħtieġ li jsiru fuq talba ta' kwalunkwe awtorità kompetenti interessata, u jenħtieġ li jiffokaw fuq l-iżgurar ta' approċċ konverġenti fir-rigward ta' entitajiet kritiċi interkonnessi li jużaw infrastruttura kritika li tkun fiżikament konnessa bejn żewġ Stati Membri jew aktar, li jappartjenu għall-istess gruppi jew strutturi korporattivi, jew li jkunu ġew identifikati fi Stat Membru wieħed u li jipprovdu servizzi essenzjali lil jew fi Stati Membri oħra.**

- (20) [...] L-entitajiet kritiċi jenħtieġ li jkollhom fehim komprensiv tar-riskji rilevanti [...] li jkunu esposti għalihom u **obbligu li** janalizzaw dawk ir-riskji. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jwettqu valutazzjonijiet tar-riskji, kull meta jkun meħtieġ fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom u l-evoluzzjoni ta' dawk ir-riskji, iżda fi kwalunkwe każ kull erba' snin. Il-valutazzjonijiet tar-riskju minn entitajiet kritiċi jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Istati Membri. **Jekk l-entitajiet kritiċi jkunu diġà wettqu valutazzjoni ta' dawn ir-riskji u d-dipendenzi kif stipulat fl-Artikolu 10 skont atti oħra tad-dritt tal-Unjoni jew tal-liġi nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu l-ekwivalenza, b'mod sħiħ jew parzjali, ta' dawn il-valutazzjonijiet tar-riskju eżistenti.**
- (21) L-entitajiet kritiċi jenħtieġ li jieħdu miżuri organizzattivi, **ta' sigurtà** u tekniċi li huma xierqa u proporzjonati għar-riskji li jiffaċċjaw sabiex jipprevjenu, **jipproteġu kontra, jirrispondu għal,** jirreżistu, jimmitigaw, jassorbu, jakkomodaw [...] u jirkupraw minn inċident. [...] **Filwaqt li** l-entitajiet kritiċi jenħtieġ li jieħdu miżuri [...] **f'konformità mal-Artikolu 11,** id-dettalji u l-estent tal-miżuri jenħtieġ li jirriflettu r-riskji differenti li kull entità identifikat bħala parti mill-valutazzjoni tar-riskju tagħha u l-ispeċifitajiet ta' tali entità b'mod xieraq u proporzjonat. **Biex tippromwovi approċċ koerenti għall-Unjoni kollha, il-Kummissjoni jenħtieġ li, wara konsultazzjoni mal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, tadotta linji gwida mhux vinkolanti biex tispeċifika aktar dawk il-miżuri tekniċi, ta' sigurtà u organizzattivi. Fit-tweqqif tad-dmirijiet tagħha skont din id-Direttiva, kull entità kritika jenħtieġ li taħtar uffiċjal ta' kollegament jew ekwivalenti bħala punt ta' kuntatt mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.**
- (22) Fl-interess tal-effettività u r-responsabbiltà, l-entitajiet kritiċi jenħtieġ li jiddeskrivu [...] **L-** miżuri **li jieħdu,** b'livell ta' dettall biex jintlaħqu biżżejjed dawk l-għanijiet, wara li jikkunsidraw ir-riskji identifikati, fi pjan ta' reżiljenza jew f'dokument jew dokumenti li huma ekwivalenti għal pjan ta' reżiljenza, u japplikaw dak il-pjan fil-prattika. Tali dokument jew dokumenti ekwivalenti jistgħu jiffasslu f'konformità **mal-liġi nazzjonali jew** mar-rekwiżiti u l-istandards żviluppati fil-kuntest ta' ftehimiet internazzjonali dwar il-protezzjoni fiżika li l-Istati Membri huma partijiet għalihom, inkluża l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari u tal-Faċilitajiet Nukleari, kif xieraq.

(23) [...] <sup>27</sup> [...] <sup>28</sup> [...] <sup>29</sup> [...] [...] <sup>30</sup> [...]

**Atti oħra tal-liġi nazzjonali jew tad-dritt tal-Unjoni jistgħu jirrikjedu li l-entitajiet kritiċi jistabbilixxu miżuri ta' reżiljenza ekwivalenti għal dawk skont l-Artikolu 11. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrikonoxxu ekwivalenza, b'mod sħiħ jew parzjali, bejn dawn il-miżuri u dawk imsemmija fl-Artikolu 11, jew jagħżlu li jiżguraw li l-entitajiet kritiċi jiddeskrivu dawk il-miżuri fil-pjan ta' reżiljenza jew f'dokument jew dokumenti ekwivalenti.**

---

27 [...]   
 28 [...]   
 29 [...]   
 30 [...]

(24) Ir-riskju li l-impjegati **jew il-kuntratturi** ta' entitajiet kritiċi jużaw ħażin [...] id-drittijiet tagħhom ta' aċċess fi ħdan l-organizzazzjoni tal-entità biex jagħmlu ħsara u jikkawżaw ħsara huwa ta' tħassib dejjem akbar. Dak ir-riskju **jista' jissostanzja l-ħtieġa li ssir dispożizzjoni għal proċedura speċifika għat-tweqqig ta' kontrolli tal-isfond għal persuni maħtura biex iwettqu rwoli sensittivi jew biex jaċċessaw ċerti spazji fi ħdan l-entitajiet kritiċi[...]**. Huwa għalhekk meħtieġ li l-**Istati Membri jkunu jistgħu, fejn xieraq, jippermettu lill-entitajiet kritiċi jitolbu kontrolli tal-isfond għal kategoriji ta' persuni definiti b'mod ċar** [...] u li jkunu jistgħu jiżguraw li dawk it-talbiet jiġu vvalutati [...] f'konformità mal-**[...]kriterji stipulati fil-leġiżlazzjoni u l-proċeduri nazzjonali. Tali kontrolli tal-isfond jenħtieġ li, fejn rilevanti u applikabbli, jużaw informazzjoni miksuba mis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)<sup>31</sup> u jistgħu wkoll, fejn rilevanti u applikabbli, jużaw intelligence mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II)<sup>32</sup> kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oġġettiva oħra disponibbli li tista' tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata l-adegwatezza tal-persuna kkonċernata biex taħdem fil-pożizzjoni li fir-rigward tagħha l-entità kritika tkun talbet kontroll tal-isfond.**

<sup>31</sup> **Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI u r-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019, ĠU L 135, p. 1**

<sup>32</sup> **Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE, ĠU L 312, p.56**

- (25) L-entitajiet kritiċi jenħtieġ li jinnotifikaw, kemm jista' jkun malajr taħt iċ-ċirkostanzi partikolari, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri b'inċidenti li jfixklu b'mod sinifikanti jew li għandhom il-potenzjal li jfixklu b'mod sinifikanti [...] **il-forniment ta' servizzi essenzjali**. In-notifika jenħtieġ li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jwiegħbu għall-inċidenti malajr u b'mod adegwat u jkollhom stampa komprensiva tar-riskji ġenerali li jiffaċċjaw l-entitajiet kritiċi. Għal dak il-għan, jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura għan-notifika ta' ċerti inċidenti u jenħtieġ li jiġu previsti parametri biex jiġi ddeterminat meta t-tfixkil kurrenti jew potenzjali jkun sinifikanti u l-inċidenti jenħtieġ għalhekk li jiġu nnotifikati. Minħabba l-impatti transfruntiera potenzjali ta' dan it-tfixkil, jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura biex l-Istati Membri jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħrajn affettwati permezz ta' punti uniċi ta' kuntatt.
- (26) Filwaqt li l-entitajiet kritiċi ġeneralment joperaw bħala parti minn network dejjem aktar interkonness ta' forniment ta' servizzi u infrastrutturi u spiss jipprovdu servizzi essenzjali f'aktar minn Stat Membru wieħed, uħud minn dawk l-entitajiet huma ta' sinifikat partikolari għall-Unjoni minħabba li jipprovdu servizzi essenzjali [...] **f'aktar minn terz tal-Istati Membri**, u għalhekk **jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ speċifiku fil-livell tal-Unjoni**. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar [...] **missjonijiet konsultattivi** [...] fir-rigward ta' tali entitajiet kritiċi ta' sinifikat Ewropew partikolari. Dawn ir-regoli huma mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar is-superviżjoni u l-infurzar stipulati f'din id-Direttiva.

- (27) **Fuq it-talba motivata ta' Stat Membru wieħed jew aktar li lilu jew fih jiġi pprovdut is-servizz essenzjali jew fuq talba tal-Kummissjoni,** [...] fejn hija meħtieġa informazzjoni addizzjonali sabiex ikun jista' jingħata parir lil entità kritika biex tissodisfa l-obbligi tagħha [...] jew biex tiġi vvalutata l-konformità ta' entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari ma' dawk l-obbligi, bi qbil mal-Istat Membru fejn tinsab [...] l-entità, il-Kummissjoni jenħtieġ li **tkun tista'** torganizza missjoni konsultattiva biex tivvaluta l-miżuri stabbiliti minn dik l-entità. Sabiex jiġi żgurat li tali missjonijiet konsultattivi jitwettqu kif suppost, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komplementari, b'mod partikolari dwar l-organizzazzjoni u t-twettiq tagħhom, is-segwitu li għandu jsir u l-obbligi għall-entitajiet kritiċi ta' sinifikat Ewropew partikolari kkonċernati. Il-missjonijiet konsultattivi jenħtieġ li, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li l-Istat Membru fejn titwettaq il-missjoni konsultattiva u li l-entità kkonċernata tikkonforma mar-regoli ta' din id-Direttiva, jitwettqu soġġetti għar-regoli dettaljati tad-dritt ta' dak l-Istat Membru, pereżempju dwar il-kundizzjonijiet preċiżi li għandhom jiġu sodisfatti biex jinkiseb aċċess għall-bini jew id-dokumenti rilevanti u dwar ir-rimedju ġudizzjarju. L-għarfien espert speċifiku meħtieġ għal missjonijiet bħal dawn jista', fejn ikun rilevanti, jintalab permezz taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza.
- (28) Sabiex tiġi appoġġata l-Kummissjoni u tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni [...] **fost l-Istati Membri** u l-iskambju tal-informazzjoni, inkluż l-aħjar prattiki, dwar kwistjonijiet relatati ma' din id-Direttiva, jenħtieġ li jiġi stabbilit Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, [...] **bħala** grupp ta' esperti tal-Kummissjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jiżguraw kooperazzjoni effettiva u effiċjenti tar-rappreżentanti maħtura tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom fil-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, **inkluż billi jaħtru membri li huma fil-pussess ta' approvazzjoni tas-sigurtà xierqa.** Il-grupp jenħtieġ li jibda jwettaq il-kompiti tiegħu minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, sabiex jipprovi mezzi addizzjonali għal kooperazzjoni xierqa matul il-perijodu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. **Il-grupp għandu jinteraġixxi ma' gruppi ta' ħidma ta' esperti rilevanti oħra speċifiċi għas-settur.**

(29) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva, u mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà legali tal-Istati Membri u l-entitajiet kritiċi li jiżguraw il-konformità mal-obbligi rispettivi tagħhom stipulati fiha, il-Kummissjoni jenħtieġ li, fejn tqis li jkun xieraq, twettaq ċerti attivitajiet ta' appoġġ immirati biex jiffaċilitaw il-konformità ma' dawk l-obbligi. Meta tippovdi appoġġ lill-Istati Membri u lill-entitajiet kritiċi fl-implimentazzjoni tal-obbligi skont din id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li tibni fuq strutturi u għodod eżistenti, bħal dawk taħt il-mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u n-Network Ewropew ta' Referenza għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika. **Ir-riżorsi finanzjarji għal dawn l-attivitajiet ta' appoġġ jenħtieġ li jiġu pprovduti f'konformità mal-allokkazzjonijiet maqbula fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali u jenħtieġ li jiġu koperti b'mod partikolari mill-pakkett disponibbli previst taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perijodu 2021–2027.**

(30) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikollhom ċerti setgħat speċifiċi għall-applikazzjoni u l-infurzar xierqa ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-entitajiet kritiċi, fejn dawn l-entitajiet jaqgħu taħt il-gurizzdizzjoni tagħhom kif speċifikat f'din id-Direttiva. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jinkludu, b'mod partikolari, is-setgħa li jitwettqu spezzjonijiet, superviżjoni u awditi, li jirrikjedu lill-entitajiet kritiċi jipprovdu informazzjoni u evidenza relatati mal-miżuri li jkunu hađu sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom u, fejn meħtieġ, li joħorġu ordnijiet biex jirrimedjaw il-ksur identifikat. Meta joħorġu tali ordnijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jirrikjedux miżuri li jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ u proporzjonat biex jiżguraw il-konformità tal-entità kritika kkonċernata, filwaqt li jqisu b'mod partikolari l-gravità tal-ksur u l-kapaċità ekonomika tal-entità kritika. B'mod aktar ġenerali, dawk is-setgħat jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn salvagwardji xierqa u effettivi li għandhom jiġu speċifikati fid-dritt nazzjonali, f'konformità mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Meta jivvalutaw il-konformità ta' entità kritika mal-obbligi tagħha skont din id-Direttiva, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont din id-Direttiva jkunu jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti maħtura skont id-Direttiva NIS 2 biex [...] **jeżerċitaw is-setgħat superviżorji u ta' infurzar tagħhom b'rabta ma' entità essenzjali skont il-kamp ta' applikazzjoni tad-[Direttiva NIS 2] li hi identifikata wkoll bħala kritika skont din id-Direttiva.** Dawk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkooperaw u jiskambjaw l-informazzjoni għal dak il-għan.

[...]³³ [...]

- (32) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴.

---

³³ [...]

³⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (33) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tiġi żgurata l-provvista fis-suq intern ta' servizzi essenzjali biex jinżammu l-funzjonijiet tas-soċjetà jew l-attivitajiet ekonomiċi essenzjali u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi li jipprovdu tali servizzi, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda minflok, minħabba l-effetti tal-azzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat f'dak l-Artikolu 5, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.
- (34) Għalhekk, id-Direttiva 2008/114/KE jenħtieġ li tiġi mħassra,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## KAPITOLU I

### SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

#### *Artikolu 1*

#### *Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*

1. Din id-Direttiva:

- (a) tistabilixxi obbligi għall-Istati Membri biex jieħdu [...] miżuri **speċifiċi** bil-għan li jiżguraw il-forniment fis-suq intern ta' servizzi essenzjali għaż-żamma ta' funzjonijiet tas-soċjetà jew attivitajiet ekonomiċi vitali, **fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 114 TFUE**, b'mod partikolari biex jidentifikaw l-entitajiet kritiċi [...] [...]u biex [...] **jappoġġawhom** biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom;
- (b) tistabilixxi obbligi għall-entitajiet kritiċi bil-għan li jsaħħu r-reżiljenza tagħhom u [...] l-kapaċità tagħhom li jipprovdu dawk is-servizzi fis-suq intern;
- (c) tistabilixxi regoli dwar is-superviżjoni u l-infurzar [...];
- (d)** [...] **tistabilixxi** [...] **regoli għall-identifikazzjoni** [...] ta' entitajiet kritiċi [...] ta' sinifikat Ewropew partikolari **u misjonijiet konsultattivi għalihom**.

**(e) tistabbilixxi proċeduri komuni għall-kooperazzjoni u r-rappurtar għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.**

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal kwistjonijiet koperti mid-Direttiva (UE) XX/YY [Direttiva proposta dwar miżuri għal livell komuni għoli ta' ċibersigurtà fl-Unjoni kollha; ("Id-Direttiva NIS 2")], mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7.
3. Fejn dispożizzjonijiet ta' atti tad-dritt tal-Unjoni speċifiċi għas-settur jirrikjedu li l-entitajiet kritiċi jieħdu miżuri [...], u fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu **rikonoxxuti bħala** tal-inqas ekwivalenti għall-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva ma għandhomx japplikaw, inkluż id-dispożizzjonijiet dwar is-superviżjoni u l-infurzar stabbiliti fil-Kapitolu VI.
4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 346 TFUE, informazzjoni li hija kunfidenzjali skont ir-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali, bħar-regoli dwar il-kunfidenzjalità tan-negozju, għandha tiġi skambjata mal-Kummissjoni u ma' awtoritajiet rilevanti oħra biss meta dak l-iskambju jkun meħtieġ għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-informazzjoni skambjata għandha tkun limitata għal dik li hija rilevanti u proporzjonata għall-fini ta' dak l-iskambju. L-iskambju tal-informazzjoni għandu jżomm il-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni u [...] **jirrispetta** s-sigurtà tal-Istati Membri kif ukoll l-interessi tas-sigurtà u kummerċjali tal-entitajiet kritiċi.

**5. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiissalvagwardjaw is-sigurtà u d-difiża nazzjonali jew is-setgħa tagħhom li jiissalvagwardjaw funzjonijiet tal-istat essenzjali oħra, inkluż l-iżgurar tal-integrità territorjali tal-Istat u ż-żamma tal-ordni pubbliku.**

**Din id-Direttiva ma tapplikax għal:**

- a. **entitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, fi kwalunkwe każ, l-entitajiet li primarjament iwettqu attivitajiet fl-oqsma tad-difiża, is-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika jew l-infurzar tal-liġi, irrispettivament minn liema entità tkun qed twettaq dawk l-attivitajiet u jekk tkunx entità pubblika jew entità privata;**
- b. **entitajiet li jwettqu attivitajiet fl-oqsma tal-ġudikatura, il-parlamenti jew il-banek ċentrali;**
- c. **attivitajiet ta' entitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, fi kwalunkwe każ, l-attivitajiet kollha li jikkonċernaw id-difiża jew is-sigurtà nazzjonali, irrispettivament minn liema entità tkun qed twettaq dawk l-attivitajiet u jekk tkunx entità pubblika jew entità privata.**

**L-obbligi stipulati f'din id-Direttiva ma jinvolvux il-forniment ta' informazzjoni, li d-divulgazzjoni tagħha tmur kontra l-interessi essenzjali tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika jew id-difiża.**

**6. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679<sup>35</sup> u d-Direttiva 2002/58/KE<sup>36</sup>.**

---

<sup>35</sup> **Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE; ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1**

<sup>36</sup> **Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika; ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37**

*Artikolu 2*  
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "entità kritika" tfisser entità pubblika jew privata [...] **li tappartjeni għall-kategoriji** msemmija fit-**tielet kolonna tat-tabella** fl-Anness, [...] **u** li tkun ġiet identifikata bħala tali minn Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 5;
- (2) "reżiljenza" tfisser il-kapaċità **ta' entità kritika** [...] li tipprevjeni, **tipproteġi kontra,** **tirrispondi għal,** tirreżisti, timmitiga, tassorbi, takkomoda [...] u tirkupra minn inċident [...];
- (3) "inċident" tfisser kwalunkwe avveniment li jkollu l-potenzjal li jfixkel **b'mod sinifikanti,** jew li jfixkel [...] **il-forniment ta' servizz essenzjali;**
- (4) "infrastruttura **kritika**" tfisser assi, **faċilità, tagħmir, network,** sistema jew parti minnhom, li huma meħtieġa għall-[...] **forniment** ta' servizz essenzjali;
- (5) "servizz essenzjali" tfisser servizz li huwa [...] **indispensabbli** għaż-żamma ta' funzjonijiet tas-soċjetà jew attivitajiet ekonomiċi vitali;
- [...]
- (7) "valutazzjoni tar-riskju" tfisser [...] **il-proċess globali mwettaq mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont l-Artikolu 4, jew mill-entitajiet kritiċi skont l-Artikolu 10, sabiex** jiġu determinati n-natura u l-estent tat-**theddid, il-vulnerabbiltajiet u** [...] r-riskji **rilevanti** [...] li jistgħu [...] **jwasslu għal inċident.**

Artikolu 2a  
Armonizzazzjoni minima

**Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali bil-għan li jiksbu livell ogħla ta' reżiljenza tal-entitajiet kritiċi.**

**KAPITOLU II**  
**OQFSA NAZZJONALI DWAR IR-REŻILJENZA TAL-ENTITAJIET KRITIĊI**

*Artikolu 3*

*Strateġija dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi*

1. Kull Stat Membru għandu jadotta sa [tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] strateġija [...] **għat-tisħiħ** tar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi. Din l-istrateġija għandha tistabbilixxi l-oġettivi strateġiċi u l-miżuri ta' politika, **li jibnu fuq strateġiji jew dokumenti nazzjonali u settorjali eżistenti rilevanti**, bil-għan li jinkiseb u jinżamm livell għoli ta' reżiljenza min-naħa ta' dawk l-entitajiet kritiċi u li jkopru mill-inqas is-setturi msemmija fl-Anness.

2. L-istrateġija għandu jkun fiha mill-inqas l-elementi li ġejjin:
- (a) objettivi strateġiċi u prijoritajiet għall-finijiet tat-tisħiħ tar-reżiljenza kumplessiva tal-entitajiet kritiċi li jqisu **d-dipendenzi u** l-interdipendenzi transfruntiera u transsettorjali;
  - (b) qafas ta' governanza biex jinkisbu l-objettivi strateġiċi u l-prijoritajiet, li jinkludi deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet differenti, l-entitajiet kritiċi u partijiet oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-istrateġija;
  - (c) deskrizzjoni tal-miżuri meħtieġa biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ġenerali tal-entitajiet kritiċi, inkluż **deskrizzjoni ta'** valutazzjoni tar-riskju nazzjonali, il-**proċess** tal-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi [...], u l-miżuri biex jiġu appoġġati l-entitajiet kritiċi f'konformità ma' dan il-Kapitolu;
  - (d) qafas ta' politika għal koordinazzjoni [...] bejn l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva u skont [id-Direttiva NIS 2] għall-finijiet tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar **riskji ċibernetiċi, theddid u inċidenti ċibernetiċi kif ukoll riskji, theddid u inċidenti mhux ċibernetiċi** [...] u l-eżerċizzju ta' kompiti superviżorji.

L-istrateġija għandha tiġi aġġornata [...] **meta** meħtieġ u tal-anqas kull erba' snin.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw **l-aspetti rilevanti tal-istrateġiji** tagħhom, **inkluż l-elementi msemmija fil-paragrafu 2,** u kwalunkwe aġġornament **tagħhom** [...], lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħhom.

#### *Artikolu 4*

##### *Valutazzjoni tar-riskju mill-Istati Membri*

1. L-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 8 għandhom jistabbilixxu lista ta' servizzi essenzjali fis-setturi msemmija fl-Anness. Huma għandhom iwettqu sa [tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], u sussegwentement fejn meħtieġ, u mill-inqas kull erba' snin, [...] **valutazzjoni tar-riskju**, bil-għan li jiġu identifikati l-entitajiet kritiċi f'konformità mal-Artikolu 5[...] u tingħata għajnuna lil dawk l-entitajiet kritiċi biex jieħdu miżuri skont l-Artikolu 11.

Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tqis ir-riskji naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem rilevanti [...], inkluż l-inċidenti, id-diżastri naturali, l-emerġenzi tas-saħħa pubblika, **it-theddid ibridu jew theddid** antagonistiku ieħor, inkluż ir-reati terroristiċi skont id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>37</sup>.

Fit-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskju, l-Istati Membri għandhom iqisu [...] **tal-anqas dan li ġej**:

- (a) il-valutazzjoni tar-riskju ġenerali mwettqa skont l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>38</sup>;
- (b) valutazzjonijiet tar-riskju rilevanti oħra, imwettqa f'konformità mar-rekwiżiti tal-atti rilevanti tad-dritt tal-Unjoni speċifiċi għas-settur, inkluż ir-Regolament (UE) 2019/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>39</sup>, [...] ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>40</sup>, **id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>41</sup> u d-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>42</sup>**.

---

<sup>37</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).

<sup>38</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

<sup>39</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2005/89/KE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 1).

<sup>40</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 (ĠU L 280, 28.10.2017, p. 1).

<sup>41</sup> **Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1).**

<sup>42</sup> **Id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-23 ta' Ottubru 2007 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27).**

- (c) kwalunkwe riskju **rilevanti** li jirriżulta mid-dipendenzi bejn is-setturi msemmija fl-Anness, inkluż [...] **dipendenzi fuq entitajiet li jinsabu fi** Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, u l-impatt li jista' jkollu tfixkil **sinifikanti** f'settur wieħed fuq setturi oħra;
- (d) kwalunkwe informazzjoni **rilevanti** dwar inċidenti f'konformità mal-Artikolu 13.

Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, kif xieraq.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-elementi rilevanti tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fil-paragrafu 1 disponibbli għall-entitajiet kritiċi li huma identifikaw f'konformità mal-Artikolu 5. **L-informazzjoni pprovduta lill-entitajiet kritiċi għandha** [...] tassistihom [...] fit-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskju tagħhom, skont l-Artikolu 10, u fit-teħid ta' miżuri biex tiġi żgurata r-reżiljenza tagħhom skont l-Artikolu 11.
4. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni [...] t-tipi ta' riskji identifikati u s-**sommarji** tal-eżiti tal-valutazzjonijiet tar-riskju, [...] [...] [...] , [...] **fi żmien** [...] **tliet xhur mit-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskju**] u sussegwentement fejn meħtieġ u mill-inqas kull erba' snin.
5. Il-Kummissjoni [...] **għandha**, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tiżviluppa mudell ta' rappurtar komuni volontarju għall-finijiet tal-konformità mal-paragrafu 4.

*Artikolu 5*

*Identifikazzjoni tal-entitajiet kritiċi*

1. Sa [...] **erba' snin** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] l-Istati Membri għandhom jidentifikaw għas-[...]setturi u s-subsetturi msemmija fl-Anness [...], l-entitajiet kritiċi.
2. Meta jidentifikaw entitajiet kritiċi skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom iqisu l-eżiti tal-valutazzjoni tar-riskju skont l-Artikolu 4 u japplikaw il-kriterji **kollha** [...] li ġejjin:
  - (a) l-entità tipprovdi servizz essenzjali wieħed jew aktar;
  - (b) [...] **l-entità u** l-infrastruttura **kritika tagħha** jinsabu [...] **fit-territorju tal-Istat Membru li jwettaq l-identifikazzjoni**; u
  - (c) inċident ikollu effetti ta' tfixkil sinifikanti fuq il-forniment ta' [...] **dawn** is-servizzi **essenzjali** jew ta' servizzi essenzjali oħra fis-setturi msemmija fl-Anness [...] **skont l-Artikolu 6(1)**.
3. Kull Stat Membru għandu jstabilixxi lista tal-entitajiet kritiċi identifikati u jiżgura li dawk l-entitajiet kritiċi jiġu nnotifikati dwar l-identifikazzjoni tagħhom bħala entitajiet kritiċi fi żmien xahar minn dik l-identifikazzjoni. **L-Istati Membri għandhom** jinformaw[...] lil dawk l-entitajiet kritiċi [...]bl-obbligi tagħhom skont il-Kapitoli [...] **III** u [...] **IV** u bid-data minn meta [...] **dawn** id-dispożizzjonijiet [...] japplikaw għalihom, **mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7**.

Għall-entitajiet kritiċi kkonċernati, [...] id-dispożizzjonijiet tal-**Kapitoli III u IV** għandhom japplikaw minn [...] **tnax**-il xahar wara dik id-data, **ħlief għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14(2)(a) li għandhom japplikaw mid-data tan-notifika**.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom maħtura skont l-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti [...] maħtura f'konformità mal-Artikolu 8 tad-[Direttiva NIS 2], bl-identità tal-entitajiet kritiċi li identifikaw skont dan l-Artikolu fi żmien xahar minn dik l-identifikazzjoni.

[...]

6. [...]

7. L-Istati Membri għandhom, fejn meħtieġ u fi kwalunkwe każ mill-inqas kull erba' snin, jirrieżaminaw u, fejn xieraq, jaġġornaw il-lista tal-entitajiet kritiċi identifikati.

Fejn dawk l-aġġornamenti jwasslu għall-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi addizzjonali, għandhom japplikaw il-paragrafi 3[...] u 4 [...]. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet li ma jkunux għandhom identifikati bħala entitajiet kritiċi wara kwalunkwe aġġornament bħal dan jiġu nnotifikati b'dan u jiġu infurmati li ma għadhomx soġġetti għall-obbligi skont il-Kapitolu III mill-wasla ta' dik l-informazzjoni.

## *Artikolu 6*

### *Effett ta' tfixkil sinifikanti*

1. Meta jiddeterminaw is-sinifikat ta' effett ta' tfixkil kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 5(2), l-Istati Membri għandhom iqisu l-kriterji li ġejjin:
  - (a) l-għadd ta' utenti li jiddependu fuq is-servizz **essenzjali** pprovdut mill-entità;
  - (b) id-dipendenza ta' setturi oħra msemmija fl-Anness fuq dak is-servizz **essenzjali**;
  - (c) l-impatti li l-inċidenti jista' jkollhom, f'termini ta' grad u tul ta' żmien, fuq l-attivitajiet ekonomiċi u tas-soċjetà, l-ambjent, [...] is-sikurezza **u s-sigurtà** pubbliċi u s-**saħħa tal-popolazzjoni**;
  - (d) is-sehem mis-suq tal-entità fis-suq ta' tali servizzi;
  - (e) iż-żona ġeografika li tista' tiġi affettwata minn inċident, inkluż kwalunkwe impatt transfruntier;
  - (f) l-importanza tal-entità biex jinżamm livell suffiċjenti tas-servizz **essenzjali**, filwaqt li titqies id-disponibbiltà ta' mezzi alternattivi għall-forniment ta' dak is-servizz.
2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni [...] **fi żmien** [...] tliet xhur [...] **mill- [...]identifikazzjoni tal-entitajiet kritiċi**] l-informazzjoni li ġejja:
  - (a) il-lista ta' servizzi **essenzjali** msemmija fl-Artikolu 4(1);

- (b) l-għadd ta' entitajiet kritiċi identifikati għal kull settur u subsettur imsemmija fl-Anness [...];
- (c) kwalunkwe limitu applikat biex jiġi speċifikat wieħed jew aktar mill-kriterji fil-paragrafu 1, **li jiista' jiġi ppreżentat bħala tali jew f'forma aggregata**.

Huma għandhom sussegwentement jippreżentaw dik l-informazzjoni meta meħtieġ, u mill-inqas kull erba' snin.

- 3. Il-Kummissjoni [...] **għandha** tadotta, wara konsultazzjoni mal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, linji gwida **mhux vinkolanti** biex tiffaċilita l-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li tqis l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

#### *Artikolu 7*

[...] [...] **Entitajiet kritiċi** [...] *fis-settur bankarju, fis-settur tal-infrastruttura tas-swieq finanzjarji u fis-settur tal-infrastruttura diġitali*

[...]

[...]

[...]

**L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9a l-Kapitoli III sa VI ma għandhomx japplikaw fir-rigward ta' entitajiet kritiċi maħtura fis-setturi msemmija fil-punti 3, 4 u 8 tat-tabella fl-Anness.**

*Artikolu 8*

*Awtoritajiet kompetenti u l-punt uniku ta' kuntatt*

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti jew aktar minn waħda responsabbli għall-applikazzjoni korretta, u fejn meħtiegħ għall-infurzar, tar-regoli ta' din id-Direttiva fil-livell nazzjonali ("awtorità kompetenti"). L-Istati Membri jistgħu jaħtru awtorità jew awtoritajiet eżistenti.

**Fir-rigward tal-entitajiet kritiċi fis-setturi msemmija fil-punti 3 u 4 tat-tabella fl-Anness, l-awtoritajiet maħtura bħala awtoritajiet kompetenti għandhom, fejn xieraq, ikunu l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 41 tar-[Regolament DORA]. Fir-rigward tal-entitajiet kritiċi msemmija fil-punt 8 tat-tabella fl-Anness, l-awtoritajiet kompetenti maħtura għandhom, fejn xieraq, ikunu l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 8 tad-[Direttiva NIS 2].**

Fejn jaħtru aktar minn awtorità waħda, huma għandhom jistabbilixxu b'mod ċar il-kompiti rispettivi tal-awtoritajiet ikkonċernati u jiżguraw li dawn jikkooperaw b'mod effettiv biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont din id-Direttiva, anki fir-rigward tad-deżinjazzjoni u tal-attivitajiet tal-punt uniku ta' kuntatt imsemmi fil-paragrafu 2.

2. Kull Stat Membru għandu[...] jaħtar [...] punt uniku ta' kuntatt **nazzjonali wieħed** biex jeżerċita funzjoni ta' kollegament sabiex jiżgura l-kooperazzjoni transfruntiera mal-[...] **punti uniċi ta' kuntatt** ta' Stati Membri oħra u mal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi msemmi fl-Artikolu 16 ("punt uniku ta' kuntatt").

3. Sa [[...] **seba**'snin [...] wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], u kull **sentejn** [...] minn hemm 'il quddiem, il-punti uniċi ta' kuntatt għandhom jippreżentaw rapport sommarju lill-Kummissjoni u lill-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi dwar in-notifiki riċevuti, inkluż l-għadd ta' notifiki, in-natura tal-inċidenti notifikati u l-azzjonijiet meħuda f'konformità mal-Artikolu 13(3).

**Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, tiżviluppa mudell ta' rappurta komuni volontarju għar-rapport sommarju msemmi fis-subparagrafu ta' hawn fuq.**

4. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-awtorità kompetenti[...] u l-punt uniku ta' kuntatt [...] **ikollhom** is-setgħat u r-riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi adegwati biex iwettqu, b'mod effettiv u effiċjenti, il-kompiti assenjati [...] **lilhom**.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, fejn xieraq, u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u ma' dak nazzjonali, jikkonsultaw u jikkooperaw ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra, [...] **inkluż** dawk inkarigati mill-protezzjoni ċivili, l-infurzar tal-liġi u l-protezzjoni tad-data personali, kif ukoll **entitajiet kritiċi u** [...] partijiet interessati rilevanti[...].
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom maħtura skont dan l-Artikolu jikkooperaw **u jiskambjaw informazzjoni** mal-awtoritajiet kompetenti maħtura skont [id-Direttiva NIS 2] dwar ir-riskji taċ-ċibersigurtà, **theddid** u [...] inċidenti **ċibernetiċi u riskji, theddid u inċidenti mhux ċibernetiċi** li jaffettwaw lill-entitajiet kritiċi, kif ukoll dwar il-miżuri [...] **rilevanti** meħuda mill-awtoritajiet kompetenti maħtura skont [id-Direttiva NIS 2] **u din id-Direttiva** [...].
7. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-ħatra tal-awtorità kompetenti u l-punt uniku ta' kuntatt fi żmien tliet xhur minn dik il-ħatra, inkluż il-kompiti u r-responsabbiltajiet [...] tagħhom skont din id-Direttiva, id-dettalji ta' kuntatt tagħhom u kwalunkwe bidla sussegwenti fihom.

**Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jaħtru awtoritajiet oħra minbarra dawk indikati taħt il-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, bħala l-awtoritajiet kompetenti maħtura fir-rigward tal-entitajiet kritiċi msemmija fil-punti 3, 4 u 8 tat-tabella fl-Anness, huma għandhom jispeċifikaw ukoll dan lill-Kummissjoni.**

Kull Stat Membru għandu jippubblika l-ħatra tiegħu tal-awtorità kompetenti u tal-punt uniku ta' kuntatt.

8. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista tal-punti uniċi ta' kuntatt tal-Istati Membri.

## Artikolu 9

### *Appoġġ tal-Istati Membri għall-entitajiet kritiċi*

1. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-entitajiet kritiċi fit-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom. Dak l-appoġġ jista' jinkludi li jiżviluppaw materjali ta' gwida u metodoloġiji, jappoġġaw l-organizzazzjoni ta' eżerċizzji biex jittestjaw ir-reżiljenza tagħhom u jipprovdu **pariri u** taħriġ lill-persunal ta' entitajiet kritiċi.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni u prattiki tajba mal-entitajiet kritiċi tas-setturi msemmija fl-Anness.
3. L-Istati Membri għandhom [...] **jiffaċilitaw** il-kondiviżjoni volontarja tal-informazzjoni bejn l-entitajiet kritiċi fir-rigward tal-kwistjonijiet koperti minn din id-Direttiva, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali dwar, b'mod partikolari, **l-informazzjoni klassifikata u sensittiva**, il-kompetizzjoni u l-protezzjoni tad-data personali.

## Artikolu 9a

### Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri

L-Istati Membri għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet ma' xulxin dwar l-entitajiet kritiċi fejn xieraq għall-applikazzjoni konsistenti tad-Direttiva. Tali konsultazzjonijiet għandhom isiru b'mod partikolari fir-rigward ta' entitajiet kritiċi:

- a) li jużaw infrastruttura kritika li hija fiżikament ikkonnettjata bejn żewġ Stati Membri jew aktar;
- b) li huma parti minn strutturi korporattivi li huma kkonnettjati ma', jew marbuta ma', entitajiet kritiċi fi Stati Membri oħra;
- c) li jkunu ġew identifikati bħala tali fi Stat Membru wieħed u jipprovdu servizzi essenzjali lil Stati Membri oħra jew fihom.

Il-konsultazzjonijiet għandu jkollhom l-għan li jtejbu r-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi u, fejn possibbli, inaqqsu l-piż amministrattiv għall-entitajiet kritiċi.

## KAPITOLU III

### REŻILJENZA TAL-ENTITAJIET KRITIĊI

#### *Artikolu 10*

##### *Valutazzjoni tar-riskju minn entitajiet kritiċi*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet kritiċi jivvalutaw fi żmien [...] **tnax**-il xahar wara li jirċievu n-notifika msemmija fl-Artikolu 5(3), u sussegwentement fejn meħtieġ u mill-inqas kull erba' snin, abbażi tal-valutazzjonijiet tar-riskju tal-Istati Membri u sorsi rilevanti oħra ta' informazzjoni, ir-riskji rilevanti [...] li jistgħu jfixklu [...] **l-forniment tas-servizzi essenzjali**.

Il-valutazzjoni tar-riskju **tal-entitajiet kritiċi** għandha tqis [...] ir-riskji rilevanti msemmija fl-Artikolu 4(1) li jistgħu jwasslu għal [...] [...] **inċident**. Għandha tqis [...] **id-dipendenzi** ta' **u fuq** setturi oħra msemmija fl-Anness fuq is-servizz essenzjali provdut mill-entità kritika, inkluż fl-Istati Membri ġirien u pajjiżi terzi fejn rilevanti. [...] **L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu l-ekwivalenza, b'mod sħiħ jew parzjali, bejn il-valutazzjonijiet tar-riskju eżistenti ta' entitajiet kritiċi sa fejn dawn jindirizzaw ir-riskji u d-dipendenzi msemmija f'dan l-Artikolu.**

#### *Artikolu 11*

##### *Miżuri ta' reżiljenza tal-entitajiet kritiċi*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet kritiċi jieħdu miżuri tekniċi, **ta' sigurtà**, u organizzattivi xierqa u proporzjonati biex jiżguraw ir-reżiljenza tagħhom, **skont l-eżiti tal-valutazzjonijiet tar-riskju msemmija fl-Artikoli 4 u 10**, inkluż il-miżuri meħtieġa biex:
  - (a) jipprevjenu inċidenti milli jseħħu, [...] [...] **filwaqt li jqisu kif xieraq** miżuri ta' tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u ta' adattament għall-klima;

- (b) jiżguraw protezzjoni fiżika adegwata **tal-bini u l-infrastruttura kritika** [...] **filwaqt li jqisu kif xieraq miżuri bħal** sisien, ostakli, għodod u rutini ta' monitoraġġ tal-perimetru, kif ukoll tagħmir ta' detezzjoni u kontrolli tal-aċċess;
- (c) **jirreaġixxu għal**, jirreżistu u jimmitigaw il-konsegwenzi tal-inċidenti[...] **filwaqt li jqisu kif xieraq** l-implimentazzjoni ta' proċeduri u protokolli għall-ġestjoni tar-riskji u tal-kriżijiet u rutini ta' twissija;
- (d) jirkupraw minn inċidenti, [...] **filwaqt li jqisu miżuri** ta' kontinwità tan-negozju u l-identifikazzjoni ta' ktajjen tal-provvista alternattivi;
- (e) jiżguraw ġestjoni adegwata tas-sigurtà tal-impjegati, [...] **filwaqt li jqisu kif xieraq miżuri bħall-**[...]istabbiliment ta' kategoriji ta' persunal li jeżerċita funzjonijiet kritiċi, l-istabbiliment ta' drittijiet ta' aċċess għal [...] **bini, infrastruttura kritika**, u [...] informazzjoni sensittiva, kif ukoll [...] **il-ħatra ta'** [...] kategoriji ta' [...] **persuni u l-istabbiliment ta' proċeduri ta' skrutinju** f'[...]**konformità mal-**Artikolu 12;
- (f) iqajmu kuxjenza dwar il-miżuri msemmija fil-punti (a) sa (e) fost il-persunal rilevanti **filwaqt li jqisu kif xieraq il-korsijiet ta' taħriġ, il-materjali ta' informazzjoni u l-eżerċizzji**.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet kritiċi jkollhom fis-seħħ u japplikaw pjan ta' reżiljenza jew dokument jew dokumenti ekwivalenti, li jiddeskrivu [...] il-miżuri skont il-paragrafu 1. Fejn l-entitajiet kritiċi jkunu hađu miżuri skont l-obbligi li jinsabu f'atti oħra tal-Unjoni, id-dritt **nazzjonali jew internazzjonali [...], l-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu l-ekwivalenza, b'mod sħiħ jew parzjali, bejn il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 u dawn il-miżuri jew jiżguraw li l-entitajiet kritiċi [...]** jiddeskrivu dawk il-miżuri fil-pjan ta' reżiljenza jew f'dokument jew dokumenti ekwivalenti.

**2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull entità kritika taħtar uffiċjal ta' kollegament jew ekwivalenti bħala punt ta' kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti.**

3. Fuq talba tal-Istat Membru li jkun identifika l-entità kritika u bil-qbil tal-entità kritika kkonċernata, il-Kummissjoni għandha torganizza missjonijiet konsultattivi, f'konformità mal-arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu 15[...] (5), (7) u (8), biex tagħti pariri lill-entità kritika kkonċernata biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-Kapitolu III. Il-missjoni konsultattiva għandha tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Kummissjoni, lil dak l-Istat Membru u lill-entità kritika kkonċernata.
4. [...]

**Il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni mal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, tadotta linji gwida mhux vinkolanti biex tispeċifika aktar il-miżuri tekniċi, ta' sigurtà u organizzattivi li jistgħu jittieħdu skont il-paragrafu 1.**

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u metodoloġiċi meħtieġa relatati mal-applikazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 20(2).

## *Artikolu 12*

### *Kontrolli tal-isfond*

1. L-Istati Membri **jistgħu, fejn xieraq, [...]**jiżguraw li l-entitajiet kritiċi [...] **ikunu jistgħu** jippreżentaw talbiet għal kontrolli tal-isfond fuq persuni li:
- a) **iwettqu rwoli sensittivi jew speċifiċi fl-entità kritika jew għaliha;**
  - b) **ikollhom il-mandat li jużaw il-bini tagħha jew jagħmlu manutenzjoni fih – direttament jew mill-bogħod – inkluż b'rabta mas-sigurtà tal-persuni, l-oġġetti jew l-informazzjoni; [...], [...]**
  - c) [...] **ikunu** qed jitqiesu għal reklutaġġ għal pożizzjonijiet [...] [...] **li jinvolvu r-rwoli msemmija fil-punti a) u b).**
- [...] **Dawk** it-talbiet [...] **għandhom jiġu** vvalutati **f'perijodu ta' żmen raġonevoli** [...] **u pproċessati f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-proċeduri nazzjonali.**

2. [...] <sup>43</sup> [...] [...]

[...]

[...]

[...]

[...] **L-Istati Membri għandhom, għall-fini li jiksbu l-informazzjoni dwar rekords kriminali minn Stati Membri oħra, jużaw is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali** [...] (ECRIS) f'konformità mal-proċeduri stipulati fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, u, fejn rilevanti **u applikabbli**, ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>44</sup>. L-awtoritajiet ċentrali msemmija fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni Qafas u fl-Artikolu 3(5) ta' dak ir-Regolament għandhom jagħtu tweġibiet għal talbiet għal tali informazzjoni fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data li fiha tkun waslet it-talba **f'konformità mal-Artikolu 8(1) ta' dik id-Deċiżjoni Qafas.**

---

<sup>43</sup> [...]

<sup>44</sup> ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1.

[...]

*Artikolu 13*  
*Notifika ta' inċident*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet kritiċi jinnotifikaw mingħajr dewmien żejjed lill-awtorità kompetenti b'inċidenti li jfixklu b'mod sinifikanti jew li għandhom il-potenzjal li jfixklu b'mod sinifikanti [...] **I-forniment ta' servizzi essenzjali.** [...] **Sabiex jiġi ddeterminat is-sinifikat, għandhom jitqiesu b'mod partikolari l-parametri li ġejjin:**
  - a) **I-għadd u s-sehem tal-utenti affettwati**
  - b) **it-tul ta' żmien;**
  - c) **iż-żona ġeografika kkonċernata.**

2. [...]

[...]

[...]

[...]

**In-notifiki għandhom jinkludu kwalunkwe informazzjoni disponibbli meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tifhem in-natura, il-kawża u l-konsegwenzi possibbli tal-inċident, anki sabiex jiġi ddeterminat kwalunkwe impatt transfruntier tal-inċident. Tali notifika ma għandhiex tagħmel lill-entitajiet kritiċi soġġetti għal aktar responsabbiltà.**

3. Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta fin-notifika mill-entità kritika, l-awtorità kompetenti, permezz [...] **tal-**punt uniku ta' kuntatt, għandha tinforma lill-punt uniku ta' kuntatt tal-Istati Membri l-oħra affettwati jekk l-inċident ikollu, jew jista' jkollu, impatt sinifikanti fuq l-entitajiet kritiċi u l-kontinwità tal-forniment ta' servizzi essenzjali fi Stat Membru jew aktar minn wieħed.

Meta jagħmlu dan, il-punti uniċi ta' kuntatt għandhom, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali [...], jitrattaw l-informazzjoni b'tali mod li jirrispetta l-kunfidenzjalità tagħha u jħares is-sigurtà u l-interess kummerċjali tal-entità kritika kkonċernata.

4. Kemm jista' jkun malajr wara li tkun ġiet innotifikata f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-entità kritika [...] l-**informazzjoni** rilevanti [...] dwar is-segwitu [...], inkluż informazzjoni li tista' tappoġġa r-rispons effettiv tal-entità kritika għall-inċident.

## KAPITOLU IV

### [...] ENTITAJIET KRITIĊI TA' SINIFIKAT EWROPEW PARTIKOLARI

#### *Artikolu 14*

#### **Identifikazzjoni ta'** entitajiet kritiċi ta' sinifikat Ewropew partikolari

[...]

2. Entità għandha titqies bħala entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari meta tkun ġiet identifikata bħala entità kritika **skont l-Artikolu 5(1)**, [...]tkun tipprovdi servizzi essenzjali lil jew ġo aktar minn terz tal-Istati Membri u tkun ġiet innotifikata [...] skont [...] **il-paragrafu 3**;

**2a** **L-Istati Membri għandhom iżguraw li entità kritika, wara n-notifika msemija fl-Artikolu 5(3), tipprovdi informazzjoni lill-awtorità kompetenti tagħha maħtura skont l-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva, meta tipprovdi servizzi essenzjali lil jew f'aktar minn terz tal-Istati Membri, u jekk ikun il-każ, liema servizzi essenzjali lil jew ġo liema Stati Membri.**

**L-Istat Membru għandu jinnnotifika lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien żejjed, dik l-informazzjoni kif ukoll l-identità tal-entità kritika.**

**Il-Kummissjoni għandha tidħol f'konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li identifika tali entità kritika u ma' Stati Membri oħra kkonċernati, u mal-entità kritika. F'dawn il-konsultazzjonijiet, kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni jekk iqis li s-servizzi pprovduti lilu mill-entità kritika huma servizzi essenzjali.**

3. **Jekk il-Kummissjoni tistabilixxi, abbażi tal-konsultazzjonijiet imsemija fil-paragrafu 2a, li l-entità kritika kkonċernata tipprovdi servizzi essenzjali lil jew ġo aktar minn terz tal-Istati Membri, [...] [...] hija għandha[...] tinnotifika lill-entità kkonċernata, permezz tal-awtorità kompetenti tagħha,** li hija meqjusa bħala entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari, filwaqt li tinforma lil dik l-entità dwar l-obbligi tagħha skont dan il-Kapitolu u d-data li minnha dawk l-obbligi japplikaw għaliha.

**3a.** Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari kkonċernata mid-data tal-wasla [...] ta **n-notifika msemija fil-paragrafu 3.**

*Artikolu 15*

*[...] Missjonijiet Konsultattivi*

1. [...]

[...]

**L-Istat Membru fejn tinsab entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari jista' jitlob lill-Kummissjoni biex torganizza missjoni konsultattiva biex tivvaluta l-miżuri li l-entità kkonċernata stabbiliet biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-Kapitolu III.**

**1a Stat Membru wieħed jew aktar li lilhom jew fihom jiġi pprovdut is-servizz essenzjali, jew il-Kummissjoni, tista' titlob ukoll li ssir il-missjoni konsultattiva msemmija fil-paragrafu 1. Bi qbil mal-Istat Membru fejn tinsab l-entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari, il-Kummissjoni għandha torganizza tali missjoni konsultattiva.**

2. [...]

**Fuq talba motivata ta' Stat Membru wieħed jew aktar li lilhom jew fihom jiġi pprovdut is-servizz essenzjali, jew tal-Kummissjoni, l-Istat Membru fejn tinsab l-entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari għandu jipprovdi:**

- a. **eżitu sommarju tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont l-Artikolu 10;**
- b. **sommarju tal-miżuri meħuda f'konformità mal-Artikolu 11;**
- c. **azzjonijiet superviżorji jew ta' infurzar, inkluż valutazzjonijiet tal-konformità jew ordnijiet maħruġa, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun wettqet skont l-Artikoli 18 u 19 fir-rigward ta' dik l-entità.**

3. Il-missjoni konsultattiva għandha tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Kummissjoni, [...], **lill-Istat Membru fejn tinsab l-entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari, lill-Istati Membri li lilhom jew fihom jiġi pprovdut is-servizz essenzjali u lill-entità kkonċernata** fi żmien tliet xhur minn meta tiġi konkluzja l-missjoni konsultattiva.

[...] **L-Istati Membri li lilhom jew fihom jiġi pprovdut is-servizz essenzjali** għandhom janalizzaw ir-rapport u, fejn meħtieġ, għandhom jagħtu parir lill-Kummissjoni dwar jekk l-entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari kkonċernata tikkonformax mal-obbligi tagħha skont il-Kapitolu III u, fejn xieraq, liema miżuri jistgħu jittieħdu biex tittejjeb ir-reżiljenza ta' dik l-entità.

Il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' dak il-parir, tikkomunika, [...] **l-opinjoni** tagħha lill-Istat Membru fejn tinsab [...] l-entità, [...] **lill-Istati Membri li lilhom jew fihom jiġi pprovdut is-servizz essenzjali** u lil dik l-entità dwar jekk dik l-entità hijiex konformi mal-obbligi tagħha skont il-Kapitolu III u, fejn xieraq, liema miżuri jistgħu jittieħdu biex tittejjeb ir-reżiljenza ta' dik l-entità.

Dak l-Istat Membru għandu **jiżgura li l-awtorità kompetenti u l-entità kritika kkonċernata** jqisu kif xieraq [...] **dik l-opinjoni** u jipprovdu l-informazzjoni lill-Kummissjoni u [...] **lill-Istati Membri li lilhom jew fihom jiġi pprovdut is-servizz essenzjali** dwar [...] il-miżuri li ħa skont [...] **dik l-opinjoni**.

4. Kull missjoni konsultattiva għandha tikkonsisti min esperti **mill-Istat Membru fejn tinsab l-entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari, l-Istati Membri li lilhom jew fihom jiġi pprovdut is-servizz essenzjali u rappreżentanti tal-Kummissjoni. Dawk l-Istati Membri jistgħu jipproponu kandidati biex ikunu parti minn missjoni konsultattiva. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Istat Membru fejn tinsab l-entità kritika**, għandha tagħżel u taħtar il-membri ta' kull missjoni konsultattiva skont il-kapaċità professjonali tagħhom u tiżgura **fejn possibbli** rappreżentazzjoni ġeografikament bilanċjata [...] **minn dawk l-Istati Membri kollha. Kull meta meħtieġ, il-membri tal-missjoni konsultattiva għandu jkollhom awtorizzazzjoni tas-sigurtà valida u xierqa.** Il-Kummissjoni għandha tkopri l-kostijiet relatati mal-parteciġazzjoni fil-missjoni konsultattiva.

Il-Kummissjoni għandha torganizza l-programm ta' missjoni konsultattiva, f'konsultazzjoni mal-membri tal-missjoni konsultattiva speċifika u bi qbil mal-Istat Membru fejn tinsab [...] l-entità kritika ta' sinifikat Ewropew ikkonċernata.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jstabbilixxi regoli dwar l-arranġamenti proċedurali għat-**talbiet u t-trattament tagħhom, għat-tweqqif u r-rapporti ta' missjonijiet konsultattivi u għat-trattament tal-komunikazzjoni dwar l-opinjoni tal-Kummissjoni u dwar il-miżuri meħuda, billi jitqiesu kif xieraq il-kunfidenzjalità u s-sensittività kummerċjali tal-informazzjoni kkonċernata.** Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 20(2).

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari kkonċernata tipprovidi lill-missjoni konsultattiva b'aċċess għall-informazzjoni, għas-sistemi u l-faċilitajiet [...] relatati mal-forniment tas-servizzi essenzjali tagħha meħtieġa biex [...] **issir il-missjoni konsultattiva.**

7. Il-missjoni konsultattiva għandha titwettagħ f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli tal-Istat Membru fejn [...] tinsab **l-entità kritika ta' sinifikat partikolari Ewropew, filwaqt li tiġi rispettata r-responsabbiltà ta' dak l-Istat Membru għas-sigurtà nazzjonali u l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà tiegħu.**

8. Meta jiġu organizzati l-missjonijiet konsultattivi, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti ta' kwalunkwe spezzjoni mwettqa mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) 300/2008 u r-Regolament (KE) 725/2004 u r-rapporti ta' kwalunkwe monitoraġġ imwettaq mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2005/65/KE fir-rigward tal-entità kritika jew l-entità kritika ta' sinifikat Ewropew partikolari, kif xieraq.
9. **Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi kull meta tiġi organizzata missjoni konsultattiva. L-Istat Membru fejn tinsab l-entità kritika ta' sinifikat partikolari Ewropew u l-Kummissjoni għandhom iġharrfu wkoll lill-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi dwar ir-rapport sommarju tal-missjoni konsultattiva u t-tagħlimiet meħuda bil-ħsieb li jiġi promoss it-tagħlim reċiproku.**

## KAPITOLU V KOOPERAZZJONI U RAPPURTAR

### *Artikolu 16* *Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi*

1. Huwa stabbilit Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi b'seħħ minn [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Dan għandu jappoġġa lill-Kummissjoni u jiffaċilita [...] l-kooperazzjoni **fost l-Istati Membri** u l-iskambju tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati ma' din id-Direttiva.
2. Il-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni **b'awtorizzazzjoni ta' sigurtà, fejn xieraq**. Fejn rilevanti biex iwettaq il-kompiti tiegħu, il-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi jista' jistieden lil [...] **partijiet ikkonċernati oħra** biex jipparteċipaw fil-ħidma tiegħu.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippresiedi l-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi.

3. Il-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi għandu jkollu l-kompiti li ġejjin:
- (a) li jappoġġa lill-Kummissjoni fl-assistenza tagħha lill-Istati Membri fit-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom biex jikkontribwixxu għall-iżgurar tar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi skont din id-Direttiva;
  - (b) [...] li **janalizza** l-istrateġiji dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi msemmija fl-Artikolu 3 [...] **sabiex jidentifika** l-aħjar prattiki fir-rigward ta' dawk l-istrateġiji;
  - (c) li jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi mill-Istati Membri skont l-Artikolu 5, inkluż fir-rigward ta' dipendenzi transfruntieri u fir-rigward tar-riskji u l-inċidenti, [...] **kif ukoll fir-rigward tal-approċċ nazzjonali għall-implimentazzjoni tar-reġim tal-ekwivalenza**;
  - (d) li jikkontribwixxi għat-tnejn tal-linji gwida msemmija fl-**Artikoli 6(3) u 11(4) u, fuq talba**, kwalunkwe [...] att ta' implimentazzjoni taħt din id-Direttiva[...];
  - (e) [...] li **janalizza**[...] r-rapporti sommarji msemmija fl-Artikolu 8(3);
  - (f) li jiskambja l-aħjar prattiki [...] relatata man-notifika ta' inċidenti msemmija fl-Artikolu 13;
  - (g) [...] **li jiddiskuti** r-rapporti **sommarji** ta' missjonijiet konsultattivi **u t-tagħlimiet meħuda** f'konformità mal-Artikolu 15([...]2);
  - (h) li jiskambja informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar ir-riċerka u l-iżvilupp relatati mar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi f'konformità ma' din id-Direttiva;
  - (i) fejn rilevanti, li jiskambja informazzjoni dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi rilevanti tal-Unjoni.

4. Sa [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull sentejn wara, il-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi għandu jstabbilixxi programm ta' ħidma fir-rigward ta' azzjonijiet li għandhom jitwettqu biex jiġu implimentati l-oġettivi u l-kompiti tiegħu, li għandhom ikunu konsistenti mar-rekwiżiti u l-oġettivi ta' din id-Direttiva.
5. Il-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi għandu jiltaqa' regolarment u mill-inqas darba fis-sena mal-Grupp ta' Kooperazzjoni stabbilit skont [id-Direttiva NIS 2] biex jipromwovi l-kooperazzjoni [...] u **jiffaċilita** l-iskambju tal-informazzjoni.
6. Il-Kummissjoni [...] **għandha** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-arranġamenti proċedurali meħtieġa għall-funzjonament tal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, **skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1.4**. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 20(2).
7. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi rapport sommarju tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri skont l-Artikoli 3(3) u 4(4) sa [tliet snin u [...] **disa'** xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u sussegwentement fejn meħtieġ u mill-inqas kull erba' snin.

## Artikolu 17

### *Appoġġ mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet kompetenti u lill-entitajiet kritiċi*

1. Il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tappoġġa lill-Istati Membri u lill-entitajiet kritiċi biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva.[...] [...] **Il-Kummissjoni għandha tħejji** ħarsa kumplessiva fil-livell tal-Unjoni lejn ir-riskji transfruntiera u transsettorjali għall-forniment ta' servizzi essenzjali, [...] **torganizza** l-missjonijiet konsultattivi msemmija fl-Artikoli 11(3) u 15[...] u [...] **tiffaċilita** l-iskambju ta' informazzjoni bejn **Istati Membri u** l-esperti madwar l-Unjoni.
2. Il-Kummissjoni għandha tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 9 billi tiżviluppa l-aħjar prattiki, **materjal ta' gwida** u metodoloġiji, u billi tiżviluppa attivitajiet u eżerċizzji ta' taħriġ transfruntiera biex tittestja r-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi.
3. **Il-Kummissjoni għandha tagħmel is-sorsi finanzjarji disponibbli għall-Istati Membri għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi tagħhom.**

## KAPITOLU VI

### SUPERVIŻJONI U INFURZAR

#### *Artikolu 18*

#### *Implimentazzjoni u infurzar*

1. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità tal-entitajiet li l-Istati Membri identifikaw bħala entitajiet kritiċi skont l-Artikolu 5 mal-obbligi skont din id-Direttiva, huma għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat u l-mezzi biex:
  - (a) iwettqu spezzjonijiet fuq il-post tal-**infrastruttura kritika u** l-bini li l-entità kritika tuża biex tipprovdi s-servizzi essenzjali tagħha, u superviżjoni mhux fuq il-post tal-miżuri tal-entitajiet kritiċi skont l-Artikolu 11;
  - (b) iwettqu jew jordnaw awditi fir-rigward ta' dawk l-entitajiet.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat u l-mezzi li jirrikjedu, fejn meħtieġ għat-twertiq tal-kompiti tagħhom skont din id-Direttiva, li l-entitajiet li huma identifikaw bħala entitajiet kritiċi skont il-paragrafu 5 jipprovdu, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dawk l-awtoritajiet:
  - (a) l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi vvalutat jekk il-miżuri meħuda minn dawk l-**entitajiet** biex tiġi żgurata r-reżiljenza [...] **tagħhom** jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 11;
  - (b) evidenza tal-implimentazzjoni effettiva ta' dawk il-miżuri, inklużi r-riżultati ta' awditu mwettaq minn awditur indipendenti u kkwalifikat magħżul minn dik l-entità u mwettaq għas-spejjeż tiegħu.

Meta jitolbu dik l-informazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddikjaraw l-iskop tar-rekwiżit u jispeċifikaw l-informazzjoni meħtieġa.

3. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jimponu penali f'konformità mal-Artikolu 19, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, wara l-azzjonijiet superviżorji msemmija fil-paragrafu 1, jew wara l-valutazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, jordnaw lill-entitajiet kritiċi kkonċernati jieħdu l-miżuri meħtieġa u proporzjonati biex jirrimedjaw għal kwalunkwe ksur identifikat ta' din id-Direttiva, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dawk l-awtoritajiet, u biex jipprovdu lil dawk l-awtoritajiet informazzjoni dwar il-miżuri li ttieħdu. Dawk l-ordnijiet għandhom iqisu, b'mod partikolari, is-serjetà tal-ksur.
4. L-Istat Membru għandu jiżgura li s-setgħat previsti fil-paragrafi 1, 2 u 3 jkunu jistgħu jiġu eżerċitati biss soġġetti għal salvagwardji xierqa. Dawk is-salvagwardji għandhom jiggwarantixxu, b'mod partikolari, li tali eżerċizzju jseħħ b'mod oġġettiv, trasparenti u proporzjonat u li d-drittijiet u l-interessi leġittimi, **bħall-protezzjoni ta' sigrieti u operazzjonijiet kummerċjali u tan-negozju**, tal-entitajiet kritiċi milquta jkunu salvagwardjati kif xieraq, inkluż id-drittijiet tagħhom li jinstemgħu, ta' difiża u ta' rimedju effettiv quddiem qorti indipendenti.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta awtorità kompetenti tivvaluta l-konformità ta' entità kritika skont dan l-Artikolu, din għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat indikat skont [id-Direttiva NIS 2] u tista' titlob lil dawk l-awtoritajiet [...] **jeżerċitaw is-setgħat superviżorji u ta' infurzar tagħhom b'rabta ma' entità essenzjali skont il-kamp ta' applikazzjoni tad-[Direttiva NIS 2] li hi identifikata wkoll bħala kritika skont din id-Direttiva**, u jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni għal dan il-għan.

### *Artikolu 19*

#### *Penali*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa [sentejn wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

**KAPITOLU VII**  
**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 20*  
*Proċedura ta' kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

## *Artikolu 22*

### *Rappurtar u rieżami*

Sa mhux aktar tard minn [...] **sitt snin** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

Il-Kummissjoni minn żmien għal żmien għandha tirrieżamina l-funzjonament ta' din id-Direttiva, u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jivvaluta b'mod partikolari l-impatt u l-valur miżjud ta' din id-Direttiva fuq l-iżgurar tar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u jekk [...] **l-Anness tad-**Direttiva għandux jiġi [...] **modifikat**. L-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat sa mhux aktar tard minn [...] **seba' snin u sitt xhur** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

### *Artikolu 23*

#### *Tħassir tad-Direttiva 2008/114/KE*

Id-Direttiva 2008/114/KE hija mħassra b'effett minn [id-data ta' [...] **trażpożizzjoni** ta' din id-Direttiva].

### *Artikolu 24*

#### *Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippublikaw, sa mhux aktar tard minn [...] **sentejn** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva + jum].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 25*

*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 26*

*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*

Il-President

*Għall-Kunsill*

Il-President

ANNEX

Setturi, subsetturi u [...]kategoriji ta' entitajiet

Setturi	Subsetturi	[...]Kategoriji ta' entit[...] <u>ajiet</u>
1. Enerġija	(a) Elettriku	— Impriżi tal-elettriku msemija fil-punt (57) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/944 <sup>45</sup> li jwettqu l-funzjoni ta' "provvista" imsemija fil-punt (12) tal-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva
		— Operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni msemija fil-punt (29) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/944
		— Operaturi ta' sistema tat-trażmissjoni msemija fil-punt (35) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/944
		— Produtturi msemija fil-punt (38) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/944
		— Operaturi nominati tas-suq tal-elettriku msemija fil-punt 8 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/943 <sup>46</sup>

<sup>45</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

<sup>46</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54).

		— Parteċipanti fis-suq tal-elettriku msemmija fil-punt (25) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/943 li jipprovdu servizzi ta' aggregazzjoni, ta' rispons tad-domanda jew ta' ħżin tal-enerġija msemmija fil-punti (18), (20) u (59) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/944
	(b) Tisħin u tkessiġ distrettwali	— Tisħin distrettwali u tkessiġ distrettwali msemmi fil-punt (19) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 <sup>47</sup> dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli
	(c) Żejt	— Operaturi ta' pipelines għat-trażmissjoni taż-żejt — Operaturi ta' faċilitajiet tal-produzzjoni, tar-raffinar u tat-trattament, tal-ħżin u t-trażmissjoni taż-żejt
		— Entitajiet ċentrali ta' ħżin taż-żejt imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE <sup>48</sup>

<sup>47</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

<sup>48</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE tal-14 ta' Settembru 2009 li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi (ĠU L 265, 9.10.2009, p. 9).

	(d) Gass	— Impriżi tal-fornitura msemija fil-punt (8) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2009/73/KE <sup>49</sup>
		— Operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni msemija fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2009/73/KE
		— Operaturi ta' sistema tat-trażmissjoni msemija fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2009/73/KE
		— Operaturi tas-sistema tal-ħżin imsemija fil-punt (10) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2009/73/KE
		— Operaturi tas-sistema tal-LNG msemija fil-punt (12) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2009/73/KE
		— Impriżi tal-gass naturali msemija fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2009/73/KE
		— Operaturi ta' faċilitajiet tar-raffinar u t-trattament tal-gass naturali

<sup>49</sup> Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

	(e) Idroġenu	— Operaturi tal-produzzjoni, tal-ħżin u tat-trażmissjoni tal-idroġenu
2. Trasport	(a) Ajru	— Trasportaturi tal-ajru msemmija fil-punt (4) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 <sup>50</sup> <b><u>użati għal skopijiet kummerċjali</u></b>
		— Korpi ta' tmexxija tal-ajruport imsemmija fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/12/KE <sup>51</sup> , ajruporti msemmija fil-punt (1) tal-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva, inkluż ajruporti ewlenin elenkati fit-Taqsima 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 <sup>52</sup> , u entitajiet li joperaw installazzjonijiet anċillari li jinsabu fl-ajruporti
		— Operaturi għall-kontroll tal-ġestjoni tat-traffiku li jipprovdu servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru (KTA) imsemmija fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 <sup>53</sup>

<sup>50</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

<sup>51</sup> Id-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti (ĠU L 70, 14.3.2009, p. 11).

<sup>52</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

<sup>53</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1).

	(b) Ferrovija	<p>— Maniġers tal-infrastruttura msemija fil-punt (2) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34/UE<sup>54</sup></p>
		<p>— Impriżi ferrovjarji msemija fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34/UE, [...] <u>u</u> operaturi tal-faċilità ta' servizz imsemija fil-punt (12) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34/UE</p>

<sup>54</sup> Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

	(c) Ilma	<p>— Kumpaniji għat-trasport fuq l-ilma, (trasport fl-ilmijiet interni, marittimu u kostali) ta' passiġġieri u merkanzija, msemmija għat-trasport marittimu fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 725/2004<sup>55</sup>, li ma jinkludux il-bastimenti individwali mħaddma minn dawk il-kumpaniji</p> <p>— Korpi ta' tmexxija ta' portijiet msemmija fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/65/KE<sup>56</sup>, inkluż il-faċilitajiet tal-port tagħhom imsemmija fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, u entitajiet li jwettqu xogħlijiet u jħaddmu tagħmir fil-portijiet</p> <p>— Operaturi ta' servizzi tat-traffiku tal-bastimenti msemmija fil-punt (o) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/59/KE<sup>57</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill</p>
--	----------	---

<sup>55</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).

<sup>56</sup> Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28).

<sup>57</sup> Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

	(d) Triq	<p>— Awtoritajiet tat-toroq imsemmija fil-punt (12) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/962 <sup>58</sup> responsabbli għall-kontroll tal-ġestjoni tat-traffiku, <b><u>għajr l-entitajiet pubbliċi li għalihom il-ġestjoni tat-traffiku jew l-operaturi ta' sistemi intelliġenti tat-trasport huma biss parti mhux essenzjali mill-attività ġenerali tagħhom</u></b></p> <p>— Operaturi ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti msemmija fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/40/UE<sup>59</sup></p>
3. <b><u>Servizzi bankarji - għall-finijiet tal-Artikoli 1-9 ta' din id-Direttiva biss</u></b>		Istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 <sup>60</sup>

<sup>58</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/962 tat-18 ta' Diċembru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha (ĠU L 157, 23.6.2015, p. 21).

<sup>59</sup> Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).

<sup>60</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

4. Infrastrutturi tas-swieq finanzjarji - <u>għall-finijiet tal-Artikoli 1-9 ta' din id-Direttiva biss</u>	— Operaturi ta' ċentri ta' negozjar msemija fil-punt (24) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/65/UE <sup>61</sup>
	— Kontropartijiet ċentrali (CCPs) imsemija fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 <sup>62</sup>
5. Saħħa	— Fornituri tal-kura tas-saħħa msemija fil-punt (g) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/24/UE <sup>63</sup>
	— Laboratorji ta' referenza tal-UE msemija fl-Artikolu 15 tar-Regolament [XX] dwar theddidiet transfruntieri serji għas-saħħa <sup>64</sup>

<sup>61</sup> Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

<sup>62</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

<sup>63</sup> Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45).

<sup>64</sup> [Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE, ir-referenza għandha tiġi aġġornata ladarba tiġi adottata l-proposta COM(2020) 727 final].

		— Entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp ta' prodotti mediċinali msemmija fil-punt 2 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE <sup>65</sup>
		— Entitajiet li jimmanifatturaw prodotti farmaċewtiċi bażiċi u preparazzjonijiet farmaċewtiċi msemmija fit-taqsimi C diviżjoni 21 tan-NACE Rev. 2
		— Entitajiet li jimmanifatturaw apparati mediċi meqjusa kritiċi waqt emerġenza tas-saħħa pubblika ("il-lista ta' apparati kritiċi ta' emerġenza tas-saħħa pubblika") imsemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament XXXX <sup>66</sup>

<sup>65</sup> Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

<sup>66</sup> [Ir-Regolament dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-tnejn għall-kriżijiet u fil-maniġġar tagħhom għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi COM (2020)725 final] ir-referenza għandha tiġi aġġornata ladarba tiġi adottata l-proposta].

6. Ilma tax-xorb		Fornituri u distributuri ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem imsemmija fil-punt (1)(a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE <sup>67</sup> , għajr distributuri li d-distribuzzjoni tagħhom tal-ilma għall-konsum mill-bniedem hi biss parti <b><u>mhux essenzjali</u></b> mill-attività ġenerali tagħhom ta' distribuzzjoni ta' komoditajiet u oġġetti oħrajn [...]
7. Ilma mormi		Impriżi li jiġbru, jarmu jew jittrattaw ilma mormi urban, domestiku u industrijali msemmi fil-punti (1) sa (3) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE <sup>68</sup> <b><u>iżda għajr impriżi li għalihom il- għbir, ir-rimi jew it-trattament ta' ilma mormi urban, domestiku u industrijali huwa biss parti mhux essenzjali mill-attività ġenerali tagħhom</u></b>

<sup>67</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).

<sup>68</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

<p>8. Infrastruttura diġitali  <u>- għall-finijiet tal-Artikoli 1-9 ta' din id-Direttiva biss</u></p>		<p>— Fornituri ta' Punt ta' Skambju fuq l-Internet [imsemmija fil-punt (X) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva NIS 2]</p> <p>— Fornituri ta' servizzi DNS [imsemmija fil-punt (X) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva NIS 2], <b><u>minbarra operaturi ta' root name servers</u></b></p> <p>— Reġistri tal-ismijiet tat-TLD [imsemmija fil-punt (X) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva NIS 2]</p> <p>— Fornituri ta' servizz ta' cloud computing [imsemmija fil-punt (X) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva NIS 2]</p> <p>— Fornituri ta' servizz ta' ċentru tad-data [imsemmija fil-punt (X) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva NIS 2]</p>
---	--	---

		<p>— Fornituri ta' ta' networks ta' twassil tal-kontenut [imsemmija fil-punt (X) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva NIS 2]</p>
		<p>— Fornituri ta' servizzi fiduċjarji msemmija fil-punt (19) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014<sup>69</sup></p>
		<p>— Fornituri ta' networks pubbliċi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi msemmija fil-punt (8) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/1972<sup>70</sup> jew fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi msemmija fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/1972 sakemm is-servizzi tagħhom huma disponibbli pubblikament</p>

<sup>69</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

<sup>70</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

[...]		[...]
		[...] <sup>71</sup>
		[...]

---

<sup>71</sup> [...]

10. Spazju		<p>— Operaturi ta' infrastruttura terrestri, proprjeta tal-Istati Membri jew partijiet terzi, u ġestita u operata mill-istess Stati Membri jew partijiet privati, li jappoġġaw l-forniment ta' servizzi bbażati fl-ispazju, esklużi l-fornituri ta' netwerks pubbliċi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi msemmija fit-tifsira tal-punt (8) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/1972</p>
------------	--	--